# LEHEN IL-MALTI

ID-XXIX 1960 GHADD 2



DAN IL-GHADD FIH:

L-EDITUR: *Ġieh lil A. Cremona, Doctor Litterarum* (Honoris Causa) — Ġ. AQUILINA: *L-Inkwiet tas-Sur Martin* — Ġ. BEZZINA: *Patri Manwel Magri 1851-1907* — ĠUŻE CHETCUTI: *Tmintax-il Sena ilu, Hekk bi l-Ħajja* — A. CREMONA: *Għawdex fil-Ġieh ta' Wiliedu, Għawdex* — P.S. INGLOTT: *Għanja tal-Ħarifa* — KARMENU MALLIA: *Metamorfosi* — MARĊELL MIZZI: *Ħobż, Imbid u Ilma, Lil-Waħda li għandha Sniena mbux sbieħ kif jaf jagħmil-hom id-Dentist wara li jaqla' l-koroħ.*


## ĠIEH LIL A. CREMONA, DOCTOR LITTERARUM (HONORIS CAUSA)



HAWN Malta ħafna drabi min ħaqqu ġieh ma jagħtuhulux, u min ma ħaqqux jagħtuh ġieh mingħajr ma taf għaliex u għalxiex.

Meta l-Università Irjali ta' Malta, fl-4 ta' Ġunju ta' dis-sena, tat id-D.Lit. (*Honoris Causa*) lil Ninu Cremona, hija wriet b'liema qima u għożża huwa miż-mum dan l-istudjuż għas-snin kbar li huwa ta lill-għerf ta' Lsien Malti u friegħi oħra ta' suġġetti li għandhom x'jaqsmu miegħu. Qablu ħa id-D.Lit. (*Honoris Causa*) il-poeta nazzjonali Dun Karm. Wara dan ma kien hemm ħadd jixraqlu iżjed l-ġieh li ngħata lil Ninu Cremona.

F'*Leħen il-Malti* kemm-il darba dehret kitba tas-Sur (illum Dr.) N. Cremona, imma waqt li l-kitba tiegħu f'*Leħen il-Malti* kienet ta' kull tant, kiteb ħafna f'*Il-Malti*, organu ta' 'L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti' li huwa żamm ħaj bil-bżulija u l-ħeġġa ta' ħajja dedikata, ħeġġa u bżulija li ma ssibhiex f'ħafna kittieba oħra iżgħar minnu. Aħna nafu li kieku ma kienx Dr. Cremona l-organu ta' 'L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti' ġie fix-xejn. Kiteb fih u żammu ħaj, u kiteb ħafna mingħajr ma jidher ismu.

Aħna ta' l-Università fraħna bil-ġieh li ngħatalu għal żewġ raġunijiet: waħda għaliex Cremona għadda 'l quddiem l-istudju tal-grammatika Maltija u friegħi oħra ta' l-għerf li jmissu ma' l-Ilsien Malti, u oħra għaliex l-Università tagħna wriet lin-nazzjon kif għandna ngħożżu u nqimu x-xogħol ta' min f'ħajtu jħabrek biex igħaddi 'l-quddiem l-istudji tal-pajjiż.

L-EDITUR

# L-INKWIET TAS-SUR MARTIN

*Kummiedja ta'* Ġ. AQUILINA

## NIES LI JIDHRU

MARTIN, *Raħli minn Għawdex (li jista' jkun tip ta' kull raħli minn Malta).*
MARIJA, *Tifla ta' Martin u għarusa ta' Karlu, seftura tas-Sliema.*
TEREŻA, *Tifla oħra ta' Martin u għarusa ta' Ġużepp, seftura tas-Sliema.*
KARLU, *Mastrudaxxa; membru tal-Partit tas-Sofor.*
ĠUŻEPP, *Bil-ħanut tax-xorb; membru tal-Partit tal-Hodor.*
TABIB, *Tabib tar-Raħal; wieħed mill-ħbieb ta' Ġużepp.*
KARMNU, PAWLU } *Hbieb ta' Ġużepp, żewġ kandidati tal-Partit tal-Hodor.*
SURMAST, *Is-Surmast ta' l-Iskola tar-Raħal, ħabib ta' Karlu.*
TONI, *Pulizija (bil-frank), ħu Karlu.*
WIĠI, *Kandidat ieħor tal-Partit tas-Sofor.*
FREDU, *Habib ta' Karlu.*
KURUN, *Il-Huttab.*

*Fl-għorfa s-sabiħa ta' dar tar-raħal. Imgħammra skond l-istil ta' kamra tal-pranzu tar-raħal li hija l-kamra s-sabiħa li tinżamm magħluqa u tinfetaħ għat-tberik, nhar il-Għid biss u meta jraqqdu xi ħadd għandhom — tabib, kappillan ecc. Jidħru żewġ xbejbiet fuq tagħhom, libsin tal-festa, jiftħu kxiexen minn żewġ gradenzi waħda ġenb u l-oħra ieħor.*

MARIJA: Min għandu żaqqu tuġgħu ħallih imut biha.

TEREŻA: Jieħu porga mhux aħjar milli jmut? Kemm int qalbek iebsa!

MARIJA: [*Tisfoga fuq qmis ta' taħt bija u titniba*] Taf x'qaltli Dovina tal-Karrett hux? Taf x'kellha wiċċ tgħidli hux?

TEREŻA: X'qaltlek?

MARIJA: Qaltli Karlu tiegħek jaf li kont man-nies?

TEREŻA: X'riedet tgħid il-kiesħa? Mhux kulħadd jaħdem biex jaqla' x'jiekol? Hi ma tagħżaqx ma' missierha, biċċa ta' bidwija li hi! Jew jidħrilha li huma xi gabillotti hej, għax għandhom l-Għalqa tal-Mejjet tagħhom u xi żewġ irziezet... U ħallejtha b'xejn?

MARIJA: Hallejtha b'xejn? Mela jiena xi darba ħallejtha b'xejn lil xi ħadd. [*Terħi dak li jkollha f'idejha u b'idejha fuq qaddha qisha qed tirripeti*

*x-xena*] Dovin, għidtilha, jiena bint il-galantomi. Il-faqar mhux għajb. Kulħadd jaħdem biex igħix. U jiena minn għand is-sinjuri tgħallimt ħafna edukazzjoni. Min jibqa' r-raħal jibqa' ta' wara l-muntanji bħalek!

TEREŻA: Daqshekk biss? U ma qbadthiex qabda minn xagħarha?

MARIJA: Ma qbadthiex minn xagħarha għal Alla. Imma qbadtha minn idha. Għedtilha: Iftaħ dik l-id! Beżgħet. Qaltli għalfejn? U int kemm ħadt għalik. . . . Għidtlek, iftaħha dik l-id! Fetħitha. Għedtilha: Hares lejn idek u lejn idi. Liema l-isbaħ minnhom? Int tifla ta' gabilott u idejk kollha kallijiet tal-imgħażqa. Idi ma messet qatt ma' mgħażqa bħal tiegħek. Biex ma nħarrax idejja s-sinjuri kienu jixtruli l-*hand cream*. Idejja ta' sinjurina, tiegħek ta' bidwija! Għedtilha sewwa?

TEREŻA: Imma daqshekk biss?

MARIJA: Isma', ħej, jaqaw ridtni nonxorha mejta fl-art u mmur il-ħabs għal wiċċek jew?

TEREŻA: Halli għalija li kieku għajret lili seftura. Kieku mhux daqshekk biss għamiltilha.

MARIJA: U jien mhux daqshekk biss għamiltilha.

TEREŻA: [*Bil-ħerqa*] Tajtha xi daqqtejn? Ċarrattilha l-għonnella?

MARIJA: Hallini nkompli, trid, għax sa ttellagħhomli. Mela x'nagħmel! Inċarrtilha l-għonnella ta' sitt liri jew iżjed. . . . għonnella tal-harir – biex ikolli nħallasielha mill-flus li faddalt mas-sinjuri.

TEREŻA: Mhux int għedt li mhux daqshekk biss?

MARIJA: Mela ħallini nkompli: X'ħin tlaqtilha idha beżgħet minni, tgħidlek ittaptaphieli u kienet ser taqbad u taħrab. Qbadtha minn spallitha. Bil-mod, għedtilha. Għad ma spiċċajtx. Issa tella' d-dublett sa' rkobbtejk, għedtilha. – Twerwret. Id-dublett sa' rkobbti? saqsietni mwerwra. Mela qed tiġġennen? Mela jiena xi darba tallajt id-dublett sa rkobbti? – Għidli ħaġa għedtilha: Jekk is-sinjurini tal-ibliet, it-tfajliet tal-imħall-fin, tal-avukati u tobba, itellgħu d-dublett sa rkobbtejhom, biċċa ta' raħlija bħalek jidhirlek li int speċjali? – Bdiet tibki. Ma ttellax id-dublett int, intellagħhulek jien, għedtilha . . . Nugżak lill-kappillan, qaltli. Ma tridx ittellgħu? għedtilha, mela ħa ntellagħhulek jien! U hekk għamilt. Toħroġ minn hawn u saba' ħariet, kellha rkobbitha xiber kallijiet. Imbagħad għedtilha – Issa ħares lejn irkobbtejja. Qed tarahom kemm huma ndaf? Is-sinjuri li kont seftura magħhom għallmuni nilbes u nitnaddaf, ja maħmuġa li int – tifla ta' gabillott hej! Issa jiena nugżak lill-kappillan! – x'sa tgħidlu, saqsietni bid-dmugħ f'għajnejha – ngħidlu jixtrilek sapuna!

TEREŻA: Oħt, kollox għamilt sewwa, kien ħaqqha. Imma daqqtejn messek lgħabtomlha biex tneħħilha l-ksuħat li għandha. Ma għedtilhiex xi ħaġa oħra?

MARIJA: Biex ingħidlek kelli ħsieb qabel nitlaqha minn idejja ntaptpilha tnejn imma kif kont qed nuriha rkobbti ttendejt li kien hemm Ġanni ta' Duminka qed iħares lejna minn wara ħajt tas-sejjieħ u jiena u hi tlaqna niġru. Dak Ġanni taf x'fih hux! Dawn tar-raħal ħafna skrupli u jnemmsu daqs in-nemes għall-fenek.

*Jinstama' leħen minn ġewwa — Martin missierhom, igħajjat:* Tereż! Tereż! *Din ma tweġibx, tidher imgħaddba u tgerger waħedha.*

MARIJA: Għajtilha Tessy!

*Il-missier jinstama' jgħid xi ħaġa. Mill-kliem kollu jiftiehem biss.* Inħosskom ħadtuli rasi! Mhux li tiżżewġu ma ddumux! *Imbagħad jarġa' jsejjaħ:* Marija! Marija! *Din lanqas twieġeb.*

TEREŻA: Għajtilha Mary!

*Martin jitfaċċa mgħaddab b'idejh fuq ġenbu bħal wieħed li ma jiflaħx iżomm iżjed.*

MARTIN: Isimgħu wliedi, ommkom, Alla jaħfrilha Marija u Tereża kienet issejħilkom u jiena ma bi ħsibnix noqgħod nitkessaħ insejħilkom bl-Ingliż. Hawn fejn wasalna! mhux biżżejjed li qed naqa' għaċ-ċajt is-sejħuli papa quddiem in-nies! U fil-ħwienet x'ħin immur għall-pinta, Tieħu qatra magħna, papa? igħidli Karmnu tan-Nini. U erħilu kulħadd jinfexx jidħaq. U x'ħin jarawni nieħu għalija, joqogħdu jgħiduli li kienu qed jiċċajtaw ta' ħbieb. Imma jiena, wliedi, dan iċ-ċajt qed inħossu kollu hawn [*Juri qalbu*]. Ma niflaħx iżjed għal ilsien in-nies. Issa lbieraħ għedtuli biex nibda ngagħal lin-nies isejħuli Sur Martin. Uliedi, tridu tarawni naqa' mejjet fl-art bil-mistħija? Għiduli ħaġa, in-nies ta' tas-Sliema li kontu magħhom x'għamlulkom biex dawwrulkom raskom hekk? — U ħalli ngħidilkom ħaġa oħra, uliedi. Qaluli li meta titħaddtu ma' xebbiet oħra qegħdin titkessħu żżellqu xi kelma bl-Ingliż ukoll biex turu ruħkom aħjar minnhom. Għiduli ħaġa, din għallmuhielkom in-nies ta' tas-Sliema wkoll? Ġibtuni f'ilsien in-nies u li ma kienx għax qed nistenna li sa ħmistax oħra tkunu żżewwiġtu kieku tlift il-boxxla u bgħattkom it-tnejn għand ix-xjaten.

TEREŻ: Papà. Ma jidhirlekx li . . .

MARTIN: [*Jaqt għalba kliema b'għajta*] Hallik minn papà. Targax issejjaħli papà, għax infarrak rasi mas-saqaf. Isimgħuni, uliedi. Ħarsu lejn din il-għorfa. [*Juri b'subgħajh madwar il-għorfa*] Hawnhekk għexu qabilna

tlitt ġenerazzjonijiet – tinsewx uliedi li din id-dar għandha aktar minn mitejn sena. Dejjem kienet tal-familja. F'din id-dar ħadd qatt ma sejjaħ lil missieru 'papà'. [*B'għajta ta' wieħed mitluf minn sensih*]. U lanqas ma sa nħalli lilkom twaqqgħuni għaċ-ċajt. X'papà, papà! F'din id-dar il-missier dejjem sejjħulu 'Tata, missier, ta. L-aktar li nħallikom tgħiduli Pa-Pa biss, tafux, imma papà le. Araw li ma ssejħulix papà quddiem in-nies! Għax kont nieħu gost nqatta' siegħa l-ħanut mal-ħbieb mħabba lsien in-nies issa lanqas għadni mmur.

TEREŻA: Imma pa... [*Tkun ser tgħid papà*]

MARTIN: [*Jerġa' jaqtalha kliemha*] Ieqaf hemm, Pa biss. Ara żżid magħha. sa hemm biss, Pa, – papà qatt – Qatt, qegħdin tifhmu?

MARIJA: Għax taf x'jidhrilna aħna... jidhrilna li trid tara mhux x'kont imma x'int. L-għarus tiegħi u ta' Terry.

MARTIN: Tereża... Tereża!

MARIJA: Terry!... Terry...

MARTIN: [*Igħajjat b'ħangra daqsiex*] Tereeżża!... Tereeża!... Qtajtli qalbi. Hux ta' Terry tridha? mela Terry int. Fl-aħħar mill-aħħar, ħmistax oħra jiena nkun ħlist minnkom. Jitqanna bikom ħaddieħor. [*Jimsaħ il-għaraq immasħan*] X'kont ser tgħidli, Marija?...

MARIJA: Mary!

*Jibqgħu jgħajjtu bi Mary, bu Marija, sakemm....*

MARTIN: [*Iċedi l-armi*] Irbaħtu intom. Mela Terry u inti, ġawhra ta' qalbi, Mary. Mur ġib 'l ommkom, Alla jaħfrilha win-nanna Gerit. [*B'leħen ironiku ta' wieħed imxabba'*] Mela beċċun tiegħi Mary. X'kull waħda wkoll, aħjar flok nirrabja nidħaq u ngħaddi kollox biċ-ċajt. Imma demmi ma jagħtinix. Mela Mary ta' qalbi kont qed tgħidli...

MARIJA: Papà, kont qed ngħidlek...

MARTIN: Pà, pa biss... għall-inqas nofs tirbħu intom u nofs nirbaħ jien. Kollox intom le. Kollox mhux sewwa. Jiena għadni ħaj, fl-aħħar mill-aħħar.

MARIJA: U isa, papà.

MARTIN: Pa, għedtlek!

*Wara li jdumu ftit jgħajjtu l-wieħed pa u l-oħra papà hu jċedi.*

MARTIN: Irbaħtu din ukoll. Hudu kollox, uliedi. Hudu l-biċċa l-oħra ta' missierkom ukoll – sejħuli papà. [*B'leħen ta' wieħed mgħaddab, għal*

*tliet darbiet*] Papà... Papà... Papà le, le, dil-kelma ma nidraha qatt u għalija spiċċat dik il-pinta nbid ta' kull filgħaxija għand Kalanġ tal-Fenek għax qatt ma jkolli l-ħila narġa' nidħol il-ħanut tiegħu iżjed.

MARIJA: Kont qed ingħidlek, papà, tara mhux x'kont imma x'int illum. L-għarajjes tagħna illum saru nies importanti. It-tnejn telgħu fil-Gvern u dalwaqt jibdew jikkmandaw lil Malta. Ma jidhirlekx li l-għarusa ta' raġel li tela' fil-Gvern għandha d-dritt tibda ssejjaħ lil missierha papà?

TEREŻA: U li inti issa għandek id-dritt tibda tissejjaħ is-sur Martin?

MARTIN: L-għarajjes tagħkom huma tfal mir-raħal. Wieħed mastrudaxxa u l-ieħor bil-ħanut. Telgħu fil-Gvern u issa saru jikkmandaw lil Malta, kif qed tgħidu. Imma, għiduli uliedi, m'għadux veru li intom ulied Martin u l-għarus tiegħek Tereż huwa t-tifel ta' Ġamri tar-Rewrew u tiegħek Marija t-tifel ta' Lonzu tax-Xatt? Allura għax telgħu fil-Gvern, ngħid jiena, ma għadhomx li kienu? Hemm bżonn ninsew x'konna, Santa Marija?

MARIJA: Il-*boy-friend* tiegħi taf x'kien igħidli, papà?

MARTIN: Il-*boy-friend*, binti? Dan x'ikun, għoġol, nagħġa, ħmar jew xkora patata, għax jiena f'dan nifhem.

TEREŻA: *Boy-friend* bl-Ingliż.

MARTIN: [*Jitlagħlu*] U mela int ma tafx li missierek ma jafx bl-Ingliż? Għalfejn qed titkessaħ miegħi wkoll? Mhux biżżejjed li qed titkessaħ mal-barranin?

MARIJA: *Boy-friend* bl-Ingliż tfisser, kif nibda ngħidlek, il-ħabib.

MARTIN: [*Imwerwer*] X'qed tgħid, binti? Mela qed titlef rasek? Ma tafx li int għarusa? U x'isir minni u minnek jekk jisma' l-għarus tiegħek li kellek ħabib?

MARIJA: U fejn sejjer b'rasek, papà. Dan *boy-friend* biss taf.

MARTIN: Imma x'inhu sewwa għidli *boy-friend*? għax ġibtuli għajnejja wara widnejja.

MARIJA: Fejn naf, biex ma tiddejjaqx ikollok *boy* tifel, mhux tifel żgħir tafx, ġuvni, ngħidu aħna grazzjuż li toħroġ miegħu.

MARTIN: [*Irodd is-slaleb*] U din il-moda ġdida tgħallimtuha minn għand is-sinjuri ta' tas-Sliema wkoll, binti?

TEREŻA: Biex qed tistagħġeb papà? Is-sinjurina Nellie tas-Sinjura Briffa li kont magħhom kellha *boy-friend* ukoll. Il-papà wil-mamà kienu jafu bih. Qatt ma qalulha xejn. U huma nies tal-Knisja, tafx, Aħjar minna

wkoll. Għax jitqarbnu kull ġimgħa. X'kull waħda, din x'fiha, li jkollok *boy-friend?* Mhux kullħadd irid ikollu ma' min igħid kelma? Waħdek, xogħol biss, tiekol qalbek?

MARTIN: [*Ironiku*] Mela inti kellek *boy-friend,* Tereża, ġawhra ta' qalbi?

TEREŻA: Kelli u ma jiddispjaċinix daqs kemm kien gustuż.

MARTIN: Hux! U int Marija?

MARIJA: Mela jiena agħar minn ħaddieħor jew agħar minn oħti. Jiena wkoll kelli *boy friend.*

MARTIN: Tajjeb wisq... qed tagħtuni gost ta' mitt skud. U l-għarajjes tagħhom, l-imsejknin għarajjes li ser jibdew jikkmandaw lil Malta u 'l-Għawdex, jafu b'dan?

MARIJA U TEREŻA: Ara ma toħroġlokx xi kelma. Għax li ma ġiex id-diskors lanqas lilek ma konna ser nuru.

TEREŻA: [*Għal oħtha*]. Dil-ħmar tlablab wisq.

MARTIN: Uliedi, qed nara li aħna n-nies tar-raħal konna lura wisq. Intom mindu dħaltu sefturi man-nies ta' tas-Sliema sirtu fini u puliti wisq. Isimgħuni daqsxejn kif kienu jaħsbuha n-nisa ta' dari... Isimgħuni, wliedi u ara tgħidu xi kelma qabel nieqaf jiena.

MARIJA: In-nies ta' dari?... dari miet... illum id-dinja tbiddlet... Mela aħna għandna nibqgħu bħan-nisa ta' dari... biċċa ta' qlugħ ta' għonnella ma tħalli lil ħadd jara min ikun warajk u dublett ikaxkar sa saqajhom?... Baqax! Id-dinja titbiddel u aħna nibqgħu fejn konna?

MARTIN: Hekk taħsbu, hux uliedi? Aħsbu kif tridu imma jekk tħalluni, ser ngħidilkom kif konna naħsbuha r-raħal dari u kif għadhom jaħsbuha ħafna sal-lum dawk li għad ma sarux puliti bħalkom. Ġibu siġġu kull waħda u oqogħdu fejni ftit. [*Jagħmlu hekk*] Isimgħuni: Meta kelli ħamsa u għoxrin sena rajt 'l ommkom l-ewwel darba. Kienet sejra l-knisja. Ġmiel ta' xebba. Tbigħ is-saħħa. Mill-ewwel inġbidt lejha. Hi wara li ttendiet li kont qed inħares lejha bdiet tħares lejja wkoll. Imma ommha, in-nanna Gerit, Alla jaħfrilha, ittendiet. U ma stajtx inkellimha wiċċ-imb-wiċċ.

MARIJA: Miskin...

TEREŻA: Illum mhux hekk...

MARTIN: Naf, naf li llum mhux hekk. X'nagħmel? Kellimt lil Ġanna tal-Bubun, il-ħuttaba, għidtilha jekk twassalli ħotba lil Toni ta' Dovik għal bintu u ż-żwieġ jitnexxi nagħtiha ħamest ewwieq. Ġimgħa wara l-ħuttaba qaltli li kellmitli lil ommha. Din għall-ewwel qagħdet taħsibha

u sa fl-aħħar qaltli li kollox sew. U bdejt immur għandhom. Qatt ma ħallewni waħdi magħha. Dejjem bl-għassa tan-Nanna Gerit. Qatt ma fdatni minuta avolja ħadd ma kien jista' jgħid aqqal min ismi. Wara xi żmien għamilna l-partit. Jiena tajtha ċ-ċurkett u hija tatni l-maktur. Imma qatt ma ħriġna waħedna... dejjem flimkien taħt għajnejn in-nanna Gerit.

TEREŻA: Hi xi dwejjaq! Mur għidilhom hekk lis-sinjurini ta' tas-Sliema... l-aktar meta tibda tagħmel is-sħana u kulħadd joħroġ jippassiġġa Għar id-Dud.

MARTIN: Imbagħad wara xi żmien iżżewwiġna... kellna tieġ sabiħ. Imma wara t-tieġ damet tlitt ijiem ma ġiet toqgħod miegħi... [*Wara ftit*] U issa kif triduni uliedi nieħu gost meta nisma' lilkom tgħiduli bil-*boy friend*, wil-ħafna ksuħat ta' papà, Sur Martin u x'naf jiena? Uliedi, intom ma tixbhu xejn lil ommkom... tbiddiltu... bil-kemm nista' nemmen li intom tiegħi... Li kieku ommkom ma mitetx żgħira u ħallietni nħabbat wiċċi magħkom waħdi, kieku bħal issa...

MARIJA: [*Taqtagħlu kliemu*] Miskina l-mamà...

MARTIN: [*Jitlagħlu. Iqum minn fuq is-siġġu u jgħajjat*] X'mamà mamà! Kieku bħal issa qiegħda tismagħkom u tista' tqum mill-qabar kienet toħroġ għalikom u tħabbatkom ras ma' ras!...

*Marija u Tereża bħal jaħbtu jibżgħu minnu. Jitwarrbu.*

MARTIN: [*Ikompli*] Imma issa li hemm hemm. Jiena illum jaqbilli li ma naqlax inkwiet biex tistgħu tiżżewġu...

*Tereża tbuslu idu. Martin juriha idu mċappsa bil-lipstick. Wara ftit donnu qagħad jaħsibha x'igħidilha...*

MARTIN: Marija, għandek tkun illum ċappast ħafna tadam maż-żejt ma' xufftejk?

*Tereża taqbad tidħaq.*

MARIJA: [*Mgħaddba għax oħta qed tidħaq biha*] Papà, int lil Tereża xufftejha ma rajthomliex? Tiegħi biss jidher? Ara kif xufftejha kollha *lipstick* bħal tiegħi...

MARTIN: [*Mgħaddab*] Ejjew 'l hawn. [*Jersqu lejh imbażżgħa*] Rajthom xufftejn Tereża wkoll. Tallajtuhomli. U ara sa titilfuli l-paċenzja. [*Waqt li jgħid hekk jaqbadhom minn xuxithom u jħabbathom ras ma' ras. Marija u Tereża iwerżqu. Jitlaqhom u jkun ser joħroġ. X'ħin jasal fejn il-bieb jerġa' lura u jgħidilhom*] Issa li hemm hemm. Issa ma jaqbelx inħassar festi jew nagħti sodisfazzjon lin-nies għax-naħbat agħar. Illum jaqbel

lili u lilkom li żwieġ tagħkom iseħħ. Lilkom biex tieħdu l-istat tagħkom u jiena biex neħles minnkom. Minn hawn u ftit ieħor jaslu l-għarajjes tagħkom. [*Lil Marija*] Xħin hu?

MARIJA: Dalwaqt il-ħdax . . .

TEREŻA: Hi, x'waħda din, dalwaqt jaslu . . .

MARTIN: Il-ħin dieħel. L-għarajjes tagħkom bil-mistednin ftit ieħor jkunu hawn. Lestu l-mejda – Qis li ma tagħmlux xi xenata li tista' tħassar l-għerusija għax dik tkun l-akbar disgrazzja tiegħi . . . qassmu l-mistednin ta' Marija naħa u ta' Tereża oħra, għax Alla jbierek l-għarajjes tagħkom wil-mistednin lanqas huma tal-istess partit u qis li ma tinbxux lil xulxin . . . biex iseħħ il-partit u wara ħmistax oħra k'Alla jrid titilquli minn hawn ħa noqgħod waħdi . . . Jiena sejjer fil-kċina nieħu ħsieb il-borma [*Joħroġ*].

TEREŻA: X'kull waħda, illum il-papà għamilhielna. Kemm baqa' lura!

MARIJA: U mhux int ilsienek twil?

TEREŻA: Ilsienek twil int. Dan x'għandu x'jaqsam?

MARIJA: X'ridt tgħidlu bil-*boy friend?* Ma tafx in-nies tar-raħal kemm huma skruplużi?

TEREŻA: Ma għandekx xi tgħid? Mela int ma ftaħartx bil-*boy friend* tiegħek ukoll?

MARIJA: Imma int semmejtu l-ewwel, ja paċpaċa li int.

TEREŻA: Paċpaċa int. Ara ma ngħidlekx!

*It-tnejn dejjem jisħnu għal xulxin – leħenhom jogħla sa twerżiqa.*

MARIJA: Trid titfa' l-ħtija fuqi, ja paċpaċa?

TEREŻA: Paċpaċa int għax lanqas taf xi tkun qed tgħid.

MARIJA: Jiena għandi għaqal biex nixtrik u nbigħek. Għalhekk mas-sinjuri dejjem kont stmata, mhux bħalek!

TEREŻA: Stmata hej. Għalhekk mhux fil-kċina waħdek dejjem kont tiekol.

MARIJA: Jiena mas-sinjuri qatt ma ħadt kunfidenza. M'iniex wiċċi tost!

TEREŻA: Ajma min qed jitkellem! Qed tgħid hekk għax għajjura. Lili s-sinjur kien iżommni niekol fil-mejda mas-sinjura.

MARIJA: Għas-sabiħ wiċċek!

TEREŻA: Xi trid tgħid bih dan il-kliem? [*Idejha f'wiċċha*].

MARIJA: Narġa ngħidlek, għas-sabiħ wiċċek!

TEREŻA: [*Idejha ponnijiet ma' wiċċ Marija*] Għidli xi trid tfisser, qed ingħidlek għax sa niggranfak.

MARIJA: Trid taf? Mela ħalli ngħidlek! [*Kif tgħidilha hekk taqbadha minn xagħarha. L-oħra taqbadha minn xagħarha wkoll. Twerżiq kbir. Jiġi jiġri missierhom bil-bastun f'idu.*]

MARTIN: Sa tisktu, ja żewġ imġienen! Dalwaqt jiġu l-għarajjes tagħkom u jekk isiru jafu x'żewġ anġli fikom, kemm tinħabbu, kemm intom bil-għaqal, nibża' li jisfratta kollox u tibqgħuli ma' wiċċi. [*Lil Marija*] Żgur inti bdejtha dix-xenata! Taf għax ma nagħtikomx xebgħa bastun...

*Marija u Tereża jitilqu 'l xulxin, jirranġaw xagħarhom u ħwejjiġhom jitnaddfu u jlestu għall-għarajjes, sektin. Martin jarġa' joħroġ jonfoħ. Joqogħdu bi kwiethom sa kemm...*

MARIJA: Int dejjem tobgħodni... anki missieri ma jaħmilnix... lili biss ra...

TEREŻA: Oqgħod, ja mikduda...

MARIJA: Kulħadd bil-preferenzi. Anki fid-dota jiena mort l-agħar.

TEREŻA: Ara ma ngħidlekx. It-tomna raba' tas-Sinet li ħadt int aħjar minn tiegħi...

MARIJA: It-tomna raba' ta' Marzena li ħadt jiena fiha ħafna blat. Jien għandi mniex ingerger.

TEREŻA: Imma tiegħek fiha iżjed minn tomna.

MARIJA: Tomna biss fiha... tomna biss, taf...

TEREŻA: Fiha iżjed...

MARIJA: Hallini minnek, Jien mort l-agħar...

TEREŻA: Kif mort l-agħar? Mort l-agħar jiena.

MARIJA: Għid fiex mort l-agħar.

*Idumu jgħajjtu hekk wiċċ imb-wiċċ. Jmieru lil xulxin sakemm jerġgħu jaqbdu f'xagħar xulxin. Twerżiq.*

MARTIN: [*Jgħajjat minn ġewwa*] Ja xjaten li intom, sa tisktu... jekk tinħaraqli l-patata mħabba fikom noqtolkom it-tnejn...

*Marija u Tereża jinfirdu minn xulxin. Għal darba oħra jirranġaw xagħarhom u jerġgħu jaqbdu jiffaċendjaw sakemm targa' taqbad...*

TEREŻA: Dejjem tiġbed lejk. Kollox trid għalik. Il-farda tan-nanna Gerit

mhux int ħadtha?

MARIJA: Wid-dublett ta' mitt lembuda tan-nanna Gerit min ħadu?

TEREŻA: Ajma ħej. Sa nilbes id-dublett ta' mitt lembuda u mmur nippassiġġa Għar id-Dud bih, arani. Dak x'jiswa?

MARIJA: Mela ma jiswiex! Dak antikità. Mur bigħu biex tara x'iddaħħal tiegħu.

TEREŻA: U ħallina minnek . . . .

MARIJA: U żgur, ma sibtx xi tgħid issa. Iċ-ċappetti taż-zija Żabbetta min ħadhom?

TEREŻA: Antikalja. Għax ma tgħidlix min ħa l-imsielet taz-zija Marinton?

MARIJA: Hadthom jiena, Ma jiswewx ħabba.

TEREŻA: Kemm int ta' sebgħek f'ħalqek!

MARIJA: Daqskemm int ta' sebgħek f'ħalqek int. Il-polka tan-nannu min ħadha?

TEREŻA: Għax ma ssaqsix min ħa ċ-ċintill tan-nannu u dak il-ġmiel ta' ġarikor?

MARIJA: Kiesħa. Taf x'imissek tgħid, min ħa l-ġiżirana tal-mamà — dik tiswa ħafna flus.

TEREŻA: Il-ġiżirana, jekk jogħġbok, ħadtha jiena u dik mhix ġejja minn tal-mamà imma xtrajtha jiena bi flusi.

MARIJA: Giddieba!

TEREŻA: Giddieba int u min igħid li ma intix!

MARIJA: Iva eh, jiena giddieba? Mela ħalli nurik jiniex giddieba.

*Jerġgħu jaqbdu f'xagħar xulxin. Twerżiq. Jiġi jiġri jonfoħ missierhom bl-imrewħa tal-kenur. f'idejh. Jagħtihom daqqtejn kull waħda fuq il-warrani. Imbagħad b'xagħar rashom f'idejh it-tnejn b'leħen mgħaddab għal darb'oħra jgħidilhom.*

MARTIN: Demonji — Ma għedtilkomx li l-għarajjes tagħkom dalwaqt jaslu? Ma tafux toqogħdu bi kwietkom għal ftit? [*Jitlàqilhom xagħarhom*] Isimgħuni, uliedi, jekk dan iż-żwieġ jisfratta jiena nsiefer jew mmur naqbeż minn x'imkien . . . Jekk dan iż-żwieġ jisfratta ma ssibux raġel ieħor li jeħodkom. Tafu kemm siefru rġiel dis-sena? . . . Ma ssaqsunix? . . . ngħidilkom jien . . . Dawn l-aħħar snien siefru daqskemm hawn nies Għawdex kollu . . . hekk qalli Mastru Karm . . . U taf x'qalli Mastru Karm ukoll?

. . . qalli li dalwaqt jasal iż-żmien li għal kull ġuvni jkun hawn sitt xebbiet. . . Jekk dan iż-żwieġ jisfratta intom tibqgħu ma' wiċċi. . . u jiena mbagħad ma nafx x'isir minni . . .

*Taħbita fil-bieb. Il-bniet jirranġaw ruħhom malajr — fuq xogħolhom qisu ma ġara xejn. Martin imur jiftaħ.*

MARTIN: [*Lil Tereża*] Tereża, ġie Ġużepp.

ĠUŻEPP: Ġejna kmieni għandu jkun. . . .

MARTIN: [*Iressaq lil Tereża li tagħmel ta' bir-ruħha qed tistħi*] Hawn Ġużepp, Tereża, ilħa tistenniek. Jaħasra tħobbok wisq. Imma baqgħet mistħija ħafna avolja għamlitha man-nies. . . .

ĠUŻEPP: [*Jieħu id Tereża f'idejh. Jagħfashiela, imbagħad isaqsiha*] Kuntenta?. . . Kollox jasal hux, Tereż? Ilni bi ħsiebek ħames snin. Kemm domt Malta man-nies kont narak ftit wisq, ftit meta kont tiġi tara lil missierek. Issa sa fl-aħħar wasalna. . . ħmistax oħra ntejjġu. Ferħana Tereża?

TEREŻA: [*Titbissimlu grixtija grixtija u minn taħt ilsien tgħidlu mħejma*] Kuntenta ħafna. . . Imma. . . .

ĠUŻEPP: Hemm xi imma, Tereż? Mhux biżżejjed taqtaqtli qalbi sa għedtli iva?. . . Ma għadekx bil-ħsieb ta' xi Malti hux? [*Bid-daħka*]

TEREŻA: Tridx tmur! Ġuż, mela aħna tal-istess drawwiet tal-Maltin. Jiena lilek ħabbejt, lilek biss. Imma qalbi sewda għax ser ikolli nħalli lil papà. . . u lil oħti Marija. . . ma tafx, ħajja ġdida. . . ħsebijiet ġodda. . . meta tiżżewweġ toħroġ mid-dar għal kollox.

ĠUŻEPP: U la tinkwetax. Aħna mhux fejn missierek ser inkunu noqogħdu?

MARTIN: Dak il-post tal-pjazza imbiegħed imma aħjar minn dak li hawn fejni. Ma qbiltux fuq il-kera?

ĠUŻEPP: Xi qbilna. . . tawh rigal ta' ħamsin lira u ħadhuli. . . mhux għax ma kontx raġel nagħtih ħamsin lira rigal imma ma ridtux jiskappriċċani.

MARTIN: [*Rassenjat*] Tkun magħmula l-volontà t'Alla. . . [*Lil Tereża*] Mur agħti daqqa ta' għajn dak il-għaġin u l-patata. . . .

TEREŻA: [*Toħroġ. Hi u ħierġa tħares lura lejn Ġużepp. Tarah daħru lejha u bil-mod tgħid lil Marija*] Inkedd; tiegħek mhux mgħaġġel jiġi jarak.

*Marija tgħaqqad il-ponn minn taħt u Tereża titlaq 'il barra. Imma dak il-ħin tinstama' taħbita oħra fuq in-naħa l-oħra tal-bieb. Martin imur jiftaħ.*

MARTIN: Wasal Karlu. Għaddi, għaddi. Marija, wasal l-għarus tiegħek ukoll. Issa aħna lkoll. Issa familja waħda.

*Marija tmur tifraħ bih. Tgħidlu jgħaddi. Karlu imma, waqt li qed iżommilha idha f'idu, iħares ċass lejn in-naħa l-oħra. . . lejn Ġużepp. Minn naħa l-oħra Ġużepp iħares lejh ċass ukoll. Jidher li ma kinux qed jistennew lil xulxin. Sa dal-ħin terġa' tkun daħlet Tereża li tmur in-naħa tal-għarus tagħha.*

MARTIN: [*Mifxul*] Tħarsux hekk bl-ikrah lejn xulxin, qiskom sa tibilgħu wieħed lil ieħor.

TEREŻA: Mela ma għedtilhomx li l-partit kien ser isir tat-tnejn f'daqqa?

MARIJA: Papà, x'għamiltilna?

MARTIN: Uliedi, ma għedtilhom xejn. [*Lil Karlu*] Int oqgħod bil-qiegħda hawn. [*Lil Ġużepp*] u int hawn. Int, Tereża, oqgħod fejn Ġużepp u inti, Marija, fejn Karlu. [*Iqaħqaħ griżmejh bħal wieħed li qed ibati jfisser x'għamel*] Le, ma għidtilhomx li kont ser inlaqqagħhom flimkien. Meta kellimt lil Karlu rajtu li lil Ġużepp ma jistax jarah b'għajnejh. [*Ġużepp jaħbat ser iqum bil-ponn imgħaqqad. Tereża tniżżlu bil-qiegħda*] Meta lil Karlu semmejtlu lil Ġużepp rajt li lanqas ried biss jisma' bih. [*L-istess Karlu jaħbat ser iqum għal Ġużepp imma Marija tniżżlu bil-qiegħda*] Isimgħuni, uliedi. La tisħnux għal xulxin. Jekk hawn xi ħadd ħati ta' din il-laqgħa tagħkom bla ħsieb huwa jiena. Tafu għax laqqajtkom hawn? Laqqajtkom għax ma rridx biss naħseb li ż-żewġ uliedi li dejjem trabbew fl-imħabba ta' xulxin, waħda ma tgħaddix mingħajr l-oħra, meta jiżżewġu jibdew jobogħdu lil xulxin. Kif għidt jiena, Marija li jekk tixtri biċċa ċikkulata ma tinżlilhiex jekk ma tagħtix biċċa minnha lil oħtha u Tereża jekk tixtri ratal qubbajt fil-festa tar-raħal kienet tiehu ratal ieħor lil oħtha daqs kemm tħobbha, meta jiżżewġu ser jitilfu din l-imħabba u flok jinħabbu jibdew jobogħdu lil xulxin? . . . Għax nafuha aħna, jekk ir-raġel tal-waħda ma jkunx jaħmel lir-raġel tal-oħra jibda l-inkwiet fil-familja u dan ma ridtux jiena . . . U meta jkun hemm il-frott, meta Tereża 'kk Alla jrid ikollha għaxart itfal bħal ommha u Marija għaxra oħra, dawn it-tfal meta jgħaddu fejn xulxin jibdew iħarsu bl-ikreh lejn xulxin ukoll? Imbagħad din il-mibegħda kollha għalfejn? Għax intom kandidati ta' żewġ partiti wieħed kontra l-ieħor? Il-Partit tas-Sofor huwa kontra l-Partit tal-Ħodor. Imma ż-żewġ xbejbiet ta' Martin ma humiex kontra xulxin. U mela għaliex żwieġhom għandhom ikunu kontra xulxin? . . . Għalhekk laqqajtkom hawn flimkien mingħajr ma għedtilkom. Issa jekk għamilt ħażin jew tajjeb għiduli intom. . . .

*Għal ftit jaqa' skiet kbir, sakemm Karlu iqum minn postu u joffri idu lil*

*Ġużepp. Dan jagħfashielu. Jitgħannqu bħal żewġ ħbieb. Tereża u Marija imqanqlin jitgħannqu flimkien. Martin jimsaħ id-dmugħ. Jinstama' taħbit minn żewġ bibien mnejn daħlu Karlu u Ġużepp. Marija u Tereża jmorru jiftħu, kulħadd in-naħa tiegħu. Mill-bieb mnejn daħal Karlu jidħlu wieħed wara l-ieħor Toni, ħuh, pulizija bil-frank, is-surmast ta' l-iskola, Fredu, u Wiġi kandidat ieħor tal-Partit tas-Sofor u mill-bieb mnejn ikun daħal Ġużepp jidħlu t-tabib tar-raħal, Pawlu u Karmnu, żewġ kandidati oħra mill-Partit tal-Hodor. Martin ferħan jeħdilhom b'idhom wieħed wieħed. Imma milli jidher, il-ħbieb tal-wieħed ma kinux jistennew lil ħbieb tal-ieħor. Barra s-surmast wit-tabib tar-raħal li jmorru jifirħu b'xulxin l-oħrajn jibqgħu ssummati jħarsu lejn xulxin donnhom iridu jaħbtu wieħed għal ieħor. Skiet imbarazzanti. Tereża u Marija iħarsu lejn xulxin mifxula, ma jafux x'jaqbdu jagħmlu sakemm. . .*

MARIJA: [*Tgħid lil missierha mifxul ukoll*] Jaqaw din biċċa oħra tiegħek?

MARTIN: [*Iqaħqaħ griżmu u jgħid*] Biċċa oħra tiegħi għall-ġid ta' kulħadd. U mhux minn rasi, tafux, Ridt nagħmlilkom. . . ridt nagħmlilkom. . . x'kelma qalli l-kappillan. . . [*B'sebgħu fuq nagħsu*] Iwa, ridt nagħmlilkom surpriża. . . Lill-Kappillan għedtlu kemm kont inkwitat għax uliedi kienu ser jieħdu żewġ ġuvintur mill-aħjar, ma ssibx bħalhom jekk iddur Għawdex kollu, imma mbagħad ħej, ma jaħmlux lil xulxin qishom kelb u qattus. Il-Kappillan, qalli, għandi ħasba. Ismagħni, Martin. . . Qalli laqqa' l-għarajjes ta' uliedek fil-ġurnata tal-partit ma' xulxin mingħajr ma jkunu jafu wieħed bl-ieħor. . . agħmel partit wieħed. . . u stieden tlieta mill-ħbieb tagħhom għall-festa. . . bla preferenzi, biex ħadd ma jkollu xi jgħid; dik ġurnata ta' ferħ u żgur jagħmlu ħbieb. Jekk ma jagħmlux, mela lix-xebbiet tiegħek ma jħobbuhomx biżżejjed. U rnexxiet, għax araw Ġużepp u Karlu ħadu b'id xulxin u jiena ferħan ħafna. Biex ħadd ma jkollu xi jgħid stedint tnejn tal-iskola wkoll — lis-Surmast mal-ħbieb ta' Karlu u lit-tabib mal-ħbieb ta' Ġużepp. Issa għiduli intom għamiltx tajjeb jew le.

*Ġużepp u Karlu jeħduha wieħed b'id u l-ieħor b'oħra, sinjal li l-ħasba tiegħu irnexxiet.*

TABIB: U lill-Kappillan ma stedintux, Martin?

MARTIN: Stedintu. Imma taf x'qalli, Qalli, Martin, li kont nista' ninqasam fi tnejn kieku nofsi kont mmur mal-ħbieb ta' Karlu win-nofs l-ieħor mal-ħbieb ta' Ġużeppi. Imma billi ma nistax ninqasam l-aħjar ma niġix. — U din x'fiha, għedtlu, Sur Kappillan? Ser joqogħdu jaraw?

KARLU: Sewwa għedtlu. Dal-biża' għalfejn?

ĠUŻEPP: Tassew. Dal-kappillan x'ħaseb li aħna, tgħid?

MARTIN: Mela wliedi, tafu x'qalli? Hareġ kaxxa sulfarini bħal din mill-but. Qalli qed tara din is-sulfarina? [*Martin jagħmel dak li jgħid*] Arani, mela. Qabbad sulfarina. Qalli rajt kif ħareġ in-nar malli s-sulfarina messet mal-kubrit? – Rajt, sur kappillan, għedtlu. Qalli Martin, hekk ukoll il-partiti joħroġ in-nar minnhom malli jmissu ma' xulxin, jew xi ħadd imiss magħhom. Jiena nibża' minn-nar. Għandi suttana ġdida ma rridx naħraqha. . . Xi trid tgħid bih dal-kliem, sur Kappillan? saqsejtu – Martin, qalli, il-bniet tiegħek ser jieħdu żewġ ġuvintur ma hawnx bħalhom ir-raħal kollu, imma għall-pulitka joqtlu. . . jisħnu wisq u jekk togħġob lil wieħed tiksirha mal-ieħor.

KARLU: Ara, Martin kliem il-kappillan ma għoġobni xejn. Dak li qal hu ma jgħoddx għall-partit tas-Sofor. . . il-partit tagħna partit tal-irġiel. . . [*Kif igħid hekk sħabu, Fredu u Wiġi jinqalgħu lejn in-naħa tiegħu, igħidu: Sewwa qed igħid – Il-partit tas-Sofor partit tal-galantomi eċċ.*]

ĠUŻEPP: [*Jisħon*] Isma' jiena ma għandix ħajta f'ilsieni. . . jekk qed tgħid li l-partit tal-Hodor mhux partit tal-galantomi, ngħidlek li ma intix galantom int u lanqas niesek. . .

*Sħabu, Pawlu u Karmnu jersqu lejn in-naħa tiegħu u l-erbgħa jħarsu bl-ikreh lejn xulxin. . .*

MARTIN: Jaħasra, x'għamilt b'idejja! . . . dik kienet ċajta. . . ċajta tal-kappillan. . . ċajta biss. . . Isa, surmast, tabib, jaħasra, għidu kelma għall-ġid. . . tħalluhomx iħassru festi. . .

SURMAST: [*Lil Karlu*] Aħna ser nitbellhu, jew? Illum waqt il-ġlied? Jiena biex nieħu qatra ġejt mhux biex nismagħkom titlewmu? Isa, Karl, ħallina minn dan. . .

TABIB [*Lil Ġużepp*]: Iva narrak imbierek, jiena ġejt ferħan li ser nieħu qatra u int ser tagħmel dix-xenata? Isa, arġgħu ħudu b'idejn xulxin.

KARLU: Mhux dak il-kiesaħ beda?

TEREŻA: Bdejt int u jekk jogħġbok lill-għarus tiegħi tgħidlux kiesaħ.

MARIJA: Għax ma ssikketx ilsienek, ja ħmara li int. Mhux l-għarus tiegħek beda?

MARTIN: [*Jonfoħ u jgħajjat*] Uliedi, ser tħassru kollox. . . [*It-tabib wis-surmast ifittxu jberrduhom waqt li l-oħrajn jibqgħu jħarsu lejn xulxin donnhom iridu jieklu wieħed lil ieħor*]

TEREŻA: Lili tgħid ħmara? Lili, ja kiesħa. Ejja ħa nurik jiniex ħmara. . . [*Kif tgħid hekk tmur taqbad f'xuxet oħtha. . . Martin jagħti fuq rasu jgħajjat, Ifirduhom. . . ser tħassru kollox. . . Karlu u Ġużepp iżommu*

*kull wieħed l-għarusa tiegħu. Għal ftit taqa' sikta kbira. Imbagħad. . .*]

MARTIN: [*B'leħen miksur*] Ara x'kelli nara llum. . . u dan mħabba daqxejn ta' ċajta. . . din l-imgħarrqa politka. . . Karlu, Ġużepp, f'ġieħ Alla, ejjew ħudu b'id xulxin. . . ejjew. . . uliedi, għidulhom jieħdu b'id xulxin. Agħmluhom paċi. . . .

SURMAST: [*Iressaq lil Marija lejn Karlu waqt li t-tabib iressaq lil Tereża ħdejn Ġużepp*] Inti, Tereża, aqbad b'idejn Ġużepp u inti, Marija, b'idejn Karlu. [*Karlu u Ġużepp jersqu lejn xulxin u bi tbissima jerġgħu jieħdu b'idu xulxin*]

KARLU: Kienet ċajta. . . .

ĠUŻEPP: Ċajta biss. . . .

MARTIN: Ċajta tal-kappillan. . . .

SURMAST: . . . Prosit, hekk sewwa. . . .

TABIB: Isbaħ mill-paċi ma hemmx fid-dinja. . . .

MARTIN: Marija. . . Tereża, morru ġewwa ġibu qatra lill-ħbieb. . . .

*Joħorġu. . . .*

TONI: [*Waqt li l-oħrajn jitkellmu bejniethom*] Mur għidilna, Pawl, kemm kellek tikber meta konna għadna mmorru l-iskola tal-Gvern flimkien. . . . Il-pulitka għamlitek nies. . . .

PAWLU: [*Imfantas*] Mela jien kont ħanżir, Toni?

TONI: U fhimtni ħażin! Issa int bħal Koli ta' Xafrin? Dak jirgħa n-nagħaġ beda u jirgħa n-nagħaġ għadu. Int tħallat ruħek miegħu?

PAWLU: Mela moħħ ta' kulħadd xorta, Ton?

TONI: Hekk mhux. Ara int, Alla jbierek, kemm imxejt 'il quddiem.

PAWLU: Il-bniedem ħadd ma jkun jaf x'għandu jgħaddi minn għalih. Fejn qatt għaddieli minn rasi li għad irrid nibda nikkmanda lil Malta u Għawdex. . . .

TONI: Bi ħsiebek tagħmel xi ħaġa sabiħa għar-raħal?

PAWLU: Jiena. . . u mela le. . . lill-kappillan ġa wegħedtu li nwaħħallu żewġ fanali quddiem iz-zuntier. . . nifthulu triq għan-naħa ta' Għajn Sigar. . . u nwaħħlu erba' fanali mal-ħitan. . . għax tkun għaddej bil-lejl lanqas tara taħlef. . . .

KARMNU: [*Li jkun qed jissemma*] E, insejt tgħidlu li sa nqabbdu ħafna nies

jaħdmu. . . kemm Alla ħalaq. . . biex ħadd ma jgerger. . .

FREDU: . . . Imma dax-xogħol kollu, ngħid jien, kif ser tagħmluh jekk il-Gvern mhux f'idejkom?

WIĠI: Sewwa qed tgħidlu.

PAWLU: Ara x'qallek, elezzjoni oħra aħna nirbħuha.

KARMNU: Darb'oħra ma nitilfuhix il-pultruna tal-bellus li hemm f'dik id-dar sabiħa.

PAWLU: X'dar hi?

KARMNU: U dik id-dar fejn jiltaqgħu tal-Gvern x'jgħidulha bħal issa? Għidilna int Mast.

SURMAST: [*Ikun medhi jitkellem ma' oħrajn*] Lili qed tgħid?

KARMNU: Iva, lilek Mast. X'jgħidulha dik il-kamra fejn jiltaqgħu biex jitħaddtu kulħadd jgħid tiegħu?

SURMAST: Emminni ma nafx għal xiex trid tgħid. [*Isejjaħ lit-tabib*] Dott, ara Karmnu tagħna jrid isaqsik xi ħaġa. . . ma nistax naqbad x'inhi.

KARMNU: U dik, tabib, dik, għorfa bħal kamra kbira kbira fejn jiltaqgħu dawk li jikkmandaw lil Malta, Għawdex u Kemmuna. . .

SURMAST: Karm, żid Kemmunett u Filfla biex tkun semmejt kollox.

TABIB: Naf għalfejn qed jgħid. Għall-Assemblea Leġislativa.

KARMNU: X'kelma twila. . . il-kliem tal-iskola twil wisq. . .

*It-tabib itaptaplu fuq spalltu u hu wis-surmast joqogħdu jitħaddtu bejniethom. . .*

PAWLU: [*Lil Toni*] Taf x'qed ingħid, Ton. Lil Karmnu fraħtlu talli tala' fil-Gvern u lili lanqas kelma.

TONI: Ara taħseb li ma ridtx nifraħlek ukoll, taf. . . għalija jien bniedem tas-servizz, ġejt hawn biex nikkompanja 'l ħija Karlu u għada għall-uniformi bħas-soltu. . . wil-Bambin jeħlisna mill-politka. Issa jiena rrid minnkom. . . Kos, jaqbadni d-daħk x'ħin niftakar li konna l-iskola flimkien; min jaf kemm morna l-għalqa u ġrejna għall-bejtiet tal-għasafar u issa meta narakom ser ikolli nsellmilkom.

KARMNU: Mhux għalija, Ton, imma meta tarana sellmilna għax jekk ikun hemm xi ħadd ieħor li ma jsellimx ma nkunux nistgħu nagħmlu favuri. . .

PAWLU: Sewwa qallek Karmnu, sellem, biex ma nagħtu 'l ħadd xi jgħid. . . .

**Toni:** U mela ma nsellemx. Lilkom nagħrafkom minn mil bogħod, imma qaluli li hemm erbgħin minnkom . . . dawn biex tagħrafhom kollha trid twaħħlilhom medalja . . .

**Fredu:** Taf li għoġbitni l-idea ta' Toni. L-ewwel ħaġa li nagħmlu malli nitilgħu fil-Gvern ngħaddu liġi biex kull min jikkmanda 'l Malta u Għawdex jibda jġib il-medalja . . .

**Pawlu:** Medalja sabiħa . . .

**Karmnu:** Medalja tad-deheb . . .

**Fredu:** U le tal-fidda biżżejjed . . . Nibżgħu għall-kaxxa ta' Malta, l-aħwa! basta medalja . . .

**Karmnu:** Hares, ħuti, in-nies mhux midalji trid imma x-xogħol . . . ħobż id-dar.

**Karlu:** [*Li jersaq fuqhom jissamma' ma' Ġużepp*] Min għamel xogħol daqs il-Gvern tas-Sofor? . . .

**Ġużepp:** Tal-Hodor għamel iżjed . . .

**Karlu:** Min fetaħ il-ġibjun?

**Ġużepp:** Min bena skejjel l-aktar?

**Karlu:** Min fetaħ il-latrina tat-Tokk?

**Ġużepp:** Il-partit tal-Hodor!

**Karlu:** Mhux veru. Qed ngħidlek fetaħha l-Partit tas-Sofor.

*Jibqgħu sa ftit ieħor imieru lil xulxin, wieħed igħid tas-Sofor, l-ieħor tal-Hodor sa ma jibdew iferfru idejhom f'wiċċ xulxin. . . .*

**Ġużepp:** Issa telagħli. Intom is-Sofor taf x'intom? qabda nies ma temmnu b'xejn . . .

**Karlu:** U intom, intom taf x'intom? . . . qabda nies faċċoli . . . faċċoli . . .

*Ġużepp u Karlu jkunu ser jaħbtu għal xulxin. Jferrquhom is-surmast u t-tabib waqt li l-oħrajn joqogħdu jħarsu donnhom jistennew jaraw xi taqtigħa. Dal-ħin jidħru deħlin minn ġol-kċina Martin, Marija u Tereża bil-gabarrè mimli xorb u ħelu għall-għarajjes wil-mistednin. It-tfajliet jinfexxu jwerżqu, bil-gabarrè ser jaqa' minn idejkom.*

**Martin:** [*Lit-tfal*] Hsiebkom f'dak il-gabarrè . . . għamilt ħafna spejjeż għal xejn . . . ser tħassru kollox . . . Niżżlu dak il-gabarrè fuq il-mejda . . . rażżnu l-għarajjes tagħkom feroċi li għandkom għax ma niflaħx iżjed għal dawn ix-xenati . . . [*Jagħmlu hekk — Kulħadd jiskot. Wara pawsa*] Issa ħalluni nitkellem . . . Isimgħuni, uliedi, Ġużepp u Karlu u intom sur-

mast u tabib araw jiniex qed ngħidilkom sewwa – [*Lil Karlu u Ġużepp*] Ejjew 'l hawn [*Jagħmlu hekk*] Intom tridu tiżżewġu lil uliedi? [*Inkwitat għax ma jitkellmux, igħajjat*] Tridu, jew le? [*Jagħmlu iva b'rashom*] Tridu. Kollox sewwa. Issa Ġużepp u Karlu isimgħuni, Tereża u Marija qatt ma kellhom xi jgħidu f'għomorhom ħlief illum mħabba fikom. Mill-bqija tfajliet kwieti ssemmix, tal-knisja, tal-ġabra. Jinħabbu ma jgħaddux waħda mingħajr l-oħra. [*Lil Ġużepp*] Jiena naf kemm tħobbha lil Tereż. Għidli s-seww. Lil Tereż trid taraha qalbha sewda mħabba fik?

**Ġużepp**: Le ma rridx.

**Martin**: [*Lil Karlu*] Int lil Marija ma tħobbhiex anqas milli Ġużepp iħobb lil Tereża. Mhux hekk?

**Karlu**: Inħobbha daqs ruħi l-għażiża.

**Martin**: Mela lin-nisa tagħkom tkunu triduhom isellmu lil xulxin u jmorru għand xulxin, mhux hekk?

**Karlu u Ġużepp**: U mela le. . . .

**Martin**: [*Jaqbad id il-wieħed u l-ieħor*] Mela agħmlu paċi. Sa tieħdu lill-aħwa. Qisu li tgħixu bħal aħwa.

**Surmast**: Bravu, sur Martin.

**Tabib**: Raġel tas-sens is-sur Martin.

**Martin**: Isaw Ġużepp u Karlu, agħfsu id xulxin. . . .

*Jagħmlu hekk*

**Karlu**: Kienet ċajta. . . .

**Ġużepp**: Ċajta biss. . . .

**Martin**: U issa nixorbu qatra bis-saħħa tal-għarajjes.

*Kulħadd jersaq fuq-il-mejda u jieħu tazza xorb. Jgħidu flimkien: Bis-saħħa tal-għarajjes! xħin ikunu qed jerġgħu jqiegħdu t-tazzi battala, tinstema' taħbita fuq il-bieb. Martin imur jiftaħ.*

**Martin**: Issa aħna lkoll. Hawn Kurun il-ħuttab. . . [*Ġużepp u Karlu jmorru jifirħu bih*] Ara Kurun. . . X'hemm Kurun. . . .

**Kurun**: Martin stedintni għall-qatra mal-għarajjes. Mhux hekk kien jixraq? Il-ħuttab jorbot u ġejt biex norbotkom. . . .

**Marija**: [*Lil missierha – innervjata*] Papà, lilna ma għedtilna xejn b'dan?

**Tereża**: [*Innervjata bħalha*] Kollox la antika.

MARTIN: Ma għedtilkom xejn . . . ridt nagħmlilkom . . . x'inhi l-kelma li qalli l-kappillan . . . [*Iħabbat sebgħu fuq nagħsu*] . . . sibtha . . . surpriża . . . Ridt nagħmlilkom surpriża. Għedt Marija u Tereża il-ħwejjeġ kollha tan-nanna għoġbuhom . . . kullma sabu fis-senduq . . . id-dublett ta' mitt lembuba . . . il-farda . . . il-kulè . . . ix-xinilja tas-suf . . . iċ-ċulqana . . . kullma ħalliet warajha . . . Għedt mela żgur li jogħġbuhom ukoll l-ūsanzi tan-nanna. Illum Kurun ser jorbotkom kif il-ħuttab rabat lin-nanna man-nannu u lili ma' ommkom, Alla jaħfrilha. U hekk, uliedi, illum ser nerġgħu mmorru għall-antik . . . L-antiki nies tajba.

ĠUŻEPP: Jiena l-antiki jogħġbuni ħafna. In-nies tal-lum ksuħat għandhom wisq.

*Pawlu u Karmnu jgħidu kliem li juru li jaqbdu.*

KARLU: Taf li lili dawn id-drawwiet tal-antiki jogħġbuni wkoll! Id-dar għad għandna d-dublett tat-tieġ li żżewġet bih il-bużnanna u sidrija tan-nannu bil-buttuni lanġasin, ma hix sabiħa bi ftit.

SURMAST: Jiena dilettant tal-antik, xi darba ħallini narahom.

TABIB: Kemm kienu jilbsu isbaħ mill-lum l-antiki. Jien għandi mużew sħiħ id-dar.

FREDU [*Lil Martin*]. Aħna ser nieħdu qatra tal-għarajjes jew le?

MARTIN: Isa, Kurun fittex orbothom . . .

KURUN: Hawn jien arani . . . [*Lil Martin*] qiegħed erba' siġġijiet tnejn tnejn fejn xulxin fejn il-ħajt.

*Martin jagħmel hekk. Igħinuh x'uħud mill-oħrajn.*

KURUN: [*Lill-għarajjes*] Int Karlu u Marija oqogħdu din in-naħa; Tereża u Ġużepp din-naħa. [*Wara li qagħad iħares lejhom jitgħaxxaq bihom*] Xi ġmiel ta' xebbiet u ġuvintur. Karlu jekk iddur ir-raħal kollu ma ssibx tifla oħra bħal Marija tiegħek. [*Lil Ġużepp*] U xi ngħidu għal Tereża tiegħek, Ġużepp. [*Idur fuq Martin*] Habib, għandek tassew biex tifraħ li għandek żewġ xebbiet bħal dawn . . . qronfol tar-raħal tagħna . . . U fejnu ma jienix narah? Fejnu, Martin?

MARTIN: Min, Kurun?

KURUN: Qed infittex gabarrè u f'dal-gabarrè żewġ ċrieket tad-deheb biex norbtu l-għarajjes wir-rizq wil-barka.

MARTIN: Għal kollox ħsibtlek . . . Arani sa nġiblek kollox . . . [*Jidħol ġewwa jġib gabarrè b'żewġ ċrieket fih. Imur quddiem l-għarajjes*] Ġużepp, int iċ-ċurkett tiegħek ġibtu?

ĠUŻEPP: Mela le. Niġu għall-partit bla ċurkett? . . .

MARTIN: Ixħtu fil-gabarrè fejn dan, iċ-ċurkett ta' Tereża. [*Jagħmel hekk*]

MARTIN [*Lil Karlu*]: U int, Karl, lil Marija ma xtrajtilhiex xi ċurkett ukoll?

KARLU: U mela le. Hawn hu. [*Jixħtu fil-gabarrè*]

MARTIN: [*Lil Kurun*] Hawn il-gabarrè biċ-ċrieket. Fittex orbot, Kurun . . . orbot . . .

KURUN: [*Bil-gabarrè f'idu*] Kemm inħossni ferħan . . . żewġ ġuvintur u xebbiet bħal dawn fejn ser issib . . . [*Lil Ġużepp u Tereża*] Agħtuni idejkom ħalli ngħaqqadkom . . . Hekk, sewwa ħafna . . . u issa ċ-ċrieket . . . ħa naraw sewwa [*Idaħħal iċ-ċurkett l-ewwel f'sebgħa Ġużepp u mbagħad f'sebgħa Tereża*] . . . Jidħlu tal-qjies. [*Lil Karlu u Marija*] U issa intom agħtuni idejkom ħalli ngħaqqad lilkom ukoll . . . sewwa ħafna – wiċ-ċrieket . . . tal-qjies . . . jiġukom sewwa kollha . . . Jalla intom ukoll tkunu sewwa ma' xulxin sakemm jogħġob 'l Alla . . . sal-mewt . . . [*Martin jidher jimsaħ id-dmugħ. Kurun jittendi. Jgħidlu*] Martin, illum nifirħu mal-għarajjes . . . ħallik mil-biki . . .

MARTIN: Hallini, Kurun, xħin niftakar li ser nitlef żewġ ġawhriet bħal dawk; l-għaxqa ta' ħajti wil-bastun ta' xjuħiti . . .

*Tereża u Marija jħarsu lejn xulxin minn taħt 'il taħt.*

KURUN: Alla jsabbar, Martin. [*Lill-mistednin*] X'qegħdin tagħmlu tħarsu biss? . . . [*Jersqu lejn il-mejda*] Middu idejkom l-aħwa, mela dan il-ħelu, u dan ix-xorb għalxejn?

*Martin u x'uħud igħinuh iqassam ix-xorb. Kliem ta' xewqat sbieħ bħal* 'Bis-saħħa tal-għarajjes, Alla jgħaddihom 'il quddiem . . .'

*Wara x-xorb is-surmast wit-tabib jersqu fuq l-għarajjes, jeħdulhom b'idejhom, isellmu lil Martin u jitilqu. Bħalhom jagħmlu l-mistednin kollha . . . Kurun l-aħħar li jitlaq.*

KURUN: [*Hu u ħiereġ*] Jekk Alla jrid, ma ndumx ma nerġa' nduq il-biskuttini tagħkom . . . taħt sena oħra . . . u għal għaxar darbiet bħal ommkom . . . Alla jgħaddikom 'il quddiem. Saħħa! [*Joħroġ wara li kulħadd ikun qallu saħħa, jwieġeb*] Grazzi ħafna taf! . . .

ĠUŻEPP: Issa, Martin, aħna ftehimna li mmorru sa Ta' Pinu . . . ma tiġix magħna?

MARTIN: Mhux illum. Minn joqgħod mal-kċina? Meta ttejġu u jkun kollox sew.

KARLU: U ejja, Martin, Tieħu gost fil-karrozza.

MARTIN: Mhux illum. Imma ħmistax oħra, jekk Alla jrid, niġi Ta' Pinu magħkom biex nirringrazzja lill-Madonna.

MARIJA: [*Tindiehes mal-għarus tagħha*] Kemm inħossni ferħana.

TEREŻA: [*Lil-Ġużepp*] Dalwaqt inkunu ta' xulxin.

*L-għarajjes jitgħannqu. Fit-tagħniqa waqt li it-tnejn iħarsu lejn missierhom Tereża ssejjaħ li Ġużepp Joey u Marija lill-għarus tagħha Charlie... L-għarajjes biex ikomplu ċ-ċajta waqt li jgħannquhom isejħulhom Terry u Mary.*

MARTIN: Bħu xi ksuħat...

ĠUŻEPP: Ċajta...

KARLU: Ċajta biss...

*Jinfexxu jidħku. Imbagħad joħorġu 'l barra lambranzetta...*

MARTIN: [*Xħin isib ruħu waħdu, b'għajnejh merfugħa lejn is-sema, s-swaba' ta' idejh imdaħħla ġo xulxin bħal min qed jitlob bl-akbar ħerqa jgħid:*] San Nikola tal-Venturi, Patri Bernard qalli li inti twassal iż-żwieġ tax-xebbiet... Ismagħni sewwa, San Nikola, jekk sa ħmistax oħra ma jinqala' xejn wiż-żwieġ jirnexxi, u jien neħles miż-żewġ xjaten li għandi, jiena nixgħellek xemgħa kuljum għal xahar u nsumlek ħobż u ilma għal xahrejn...

*Jinżel is-Siparju*

Mibdija fit-12 ta' Ottubru filgħodu 1955.
Mitmuma fil-15 tal-istess xahar filgħodu.

## TMINTAX-IL SENA ILU

Lil bintu kont nafha. Ma kellux
ħliefha. Kellha xi tmien snin;
u kienet magħtuba minn twelidha.
Kienet ħelwa li ma ngħidlekx.
Kellha għajnejha żoroq, xagħarha
qastni u wiċċ mimli dehen, għad
li hekk ċkejkna.

Il-Ħadd, 25 ta' Mejju, 1941.

Mid-Djarju 'Taħt in-Nar'
ta' G. Ellul Mercer.

*It-tifla kienet mietet f'dirgħajn ommha.*
*Bil-kemm kellha tmien snin: fi fjur ħajjitha*
*tidħak kull fejn taraha, wiċċha bħal warda*
*li tiftaħ ħelwa għad-dawl tax-xemx ħanina.*
*Għajnejha kbar u żoroq kienu jiddu*
*bis-safa ta' ġo qalbha, w fuq xuffitejha*
*kellha t-tbissima hienja tat-tfulija.*
*Kulħadd iħobbha: it-tfal jilagħbu magħha,*
*wil-kbar imellsu xagħarha bħat-tajjar.*
*Dit-tifla barra t-triq u kullimkien*
*kienet il-għaxqa w l-hena tal-ġirien.*
*Kull fl-għaxija, qabel timtedd f'sodditha*
*kienet quddiem il-kwadru tal-Madonna*
*tgħid m'ommha ftit tat-talb, u mbagħad, imgħannqa*
*ma' pupa ċkejkna torqod il-lejl f'sikkitha.*
*Kemm kienet hienja w safja dik il-ħajja*
*ta' tifla li ma tafx il-qerq u l-ħażen!*
*Il-lum hemm kienet mejta f'dirgħajn ommha,*
*rasha mitluqa 'l wara, wid-demm hiereġ*
*igelgel minn fuq ġbinha; fuq għajnejha*
*nofshom magħluqa kien hemm iċ-ċpar tal-mewt.*
*Driegħ wieħed għadu mdawwar ma' għonq ommha*
*wid-driegħ l-ieħor mitluq bla saħħa w ħajja,*
*u bejn subgħajha żgħar qishom tax-xama'*
*għadha kemm kemm imqabbda pupa ċkejkna.*
*Kienet qed tilgħab ibennen dik il-pupa*
*fuq il-għatba tal-bieb, tgħannilha w tbusha*
*tgħannaqha ma' sidirha, u tħaddanha.*

*Il-jum kien diefi, ċar daqs il-kristall,*
*il-ħajja kienet miexja bla tfixkil:*
*ħadd ma jaf mnejn leħħ ajruplan bħal seqer*
*u waddab bomba — waħda biss — u għab.*
*Warajh ħalla tarbija fl-art minxura*
*f'għadira demm.*

*It-tifla kienet mietet f'dirgħajn ommha,*
*u dik l-imsejkna omm, għelm tat-tbatija,*
*ma felħitx tibki. Ebda demgħa taħraq*
*ma xerrdet minn għajnejha, ebda tnehida*
*ma telgħet fuq xufftejha, imma qalbha*
*bil-biża' w l-hemm ħassitha ser tinqasam.*
*Għaliex dad-demm? . . . . . id-demm ta' nies bla ħtija,*
*id-demm ta' tfal ċkejknin fil-fjur tal-ħajja?*
*Id-demm iservi sabiex bih jinħaslu*
*l-idejn ta' l-ambizzjoni. Imma, ja bniedem,*
*mhux il-qawwa ta' l-armi u tad-dnewwa*
*li tiġbed lejha l-qalb u ġġib l-imħabba,*
*imma l-forza tal-għerf u tar-raġuni.*
*L-għaref ifittex il-ħelsien u l-paċi,*
*id-dgħajjef biss jaqla' w iġib il-gwerer.*
*Misħuta l-gwerra! . . . . . għax bi ħniena m'għandhiex*
*mit-tfal li għira ma jafux xinhi,*
*it-tfal ċkejknin ta' tmienja w għaxar snin.*

25.v.59 — Ġużè Chetcuti

## GHANJA TAL-HARIFA

*Fil-bogħod*
*is-sħab minxur mas-sema*
*siparju fin tal-ħarir*
*stirat quddiem il-mewt.*

*Fit-toroq*
*ir-riħ jigref, bi dwiefru,*
*u jħaxwex fil-weraq li waqa'*
*mis-siġar tal-ħarrub.*

*Fuq rasna*
*l-għasafar ċkejkna*
*imbeżżgħin mill-ajruplani*
*fi qtajja' jiġru mbikkija.*

*Fil-ġnien*
*tal-lariġ, fil-vaska siekta,*
*iħażżeż triqtu l-wiżż*
*simbolu minsi tal-imħabba.*

*U fil-ħdura*
*tal-ilma li far mill-funtana*
*jitwessgħu ċ-ċrieki*
*fejn għereq ftit ilu l-ibjad ġilju.*

*Fil-vojt*
*ta' qalbi, jitqanqlu t-tifkiriet*
*Trampil fil-bir tal-memorja –*
*u l-ħsieb iqabbel l-imgħoddi, bħal moħriet.*

21.x.54 P.S. Inglott

## HEKK HI L-HAJJA

*Bħal omm li, fil-għaxija,*
*xħin jasal ħin l-irqad,*
*tarfa' lil binha ċkejken u tmiddu fuq is-sodda,*
*u b'dak leħenha rqiq*
*toqgħod tħannu w twiegħdu ħwejjeġ sbieħ,*
*waqt li binha mit-tieqa nofsha mbexxqa*
*jilmaħ ma' l-art il-ġugarelli*
*li kien qed jilgħab bihom,*
*hekk il-Hajja tħannen għar-rqad lill-bniedem,*
*tfissdu f'ħoġorha,*
*waqt li tgħannilu w twiegħdu*
*rebħ u pjaċir fiż-żmien li ġej,*
*u hu mit-tieqa mbexxqa*
*jilmaħ ma' l-art, imfarrka,*
*il-ħidma ta' l-imgħoddi.*

Ġużè Chetcuti

## HOBŻ, INBID U ILMA

Tqanqil il-qalb, żmien wara li għaddejt minn Triq San Ġużepp u triqat oħra fil-bassifondi tal-Belt Valletta.

*Il-bniedem ma jridx wisq biex ikun hieni:*
*dar fejn idaħħal rasu,*
*ħobż, inbid u ilma,*
*bniedem ieħor li miegħu jiftaħ qalbu,*
*il-barka t'Alla u daqsxejn ta' tama.*

*Għaddejt minn triq mudlama;*
*gallerija fuq oħra,*
*iż-żewġ naħat tal-bini*
*tħares 'il fuq tistħajjel li sa jmissu.*
*It-tfal kienu jilagħbu*
*b'ballun marsus tal-karti.*
*In-naxra tperper barra*
*qisbom bnadar ta' festa.*
*In-nies ta' din it-triq huma nies foqra.*
*Fil-faqar tal-kerrejja,*
*fil-kruha ta' kamritbom,*
*m'għandhomx ġid ieħor ħlief dak ta' saħħitbom,*
*u ma jarawx sbuħija*
*ħlief f'wiċċ ta' xi tarbija*
*jew fuq ħaddej żagħżugħa.*
*Id-daħka tat-tfulija*
*u l-għanja ta' l-imħabba*
*jitħalltu mat-twerżiq ta' nies jitlewwmu*
*u ma' l-ilfiq ta' l-imbikkija.*

*Kif jgħixu dawn in-nies, fid-dieq, fir-rassa,*
*'il-bogħod mix-xemx, 'il-bogħod minn dik il-ħdura*
*li jħobbu jgħannu x'ħin ma jkollhomx x'jagħmlu*
*xi poeti tal-bliet?*

M. MIZZI

# METAMORFOSI

*F'tal-Hajja l-karru miġbudin, nitbandlu*
*B'ħarsitna msammra fil-warrani 'l bogħod*
*Taħt it-tmexxija ta' Sultan it-Tama;*
*U fuq il-mergħa ta' din l-art tirtogħod,*

*Bin-nagħal ileqqu jieklu u jaħfu dejjem*
*Wiċċ dan il-Kożmoż fid-dawrien bla lġiem,*
*Harġu mill-Bierah, dieħla fl-Għada u Issa*
*Iġerru mlebbta is-sigħat u l-jiem.*

*Fiċ-ċpar tal-Bierah, in-Nessejja xwejħa*
*U ż-Żmien, imgħannqa — mostri mġewwħa t-tnej' —*
*Jidhru jtellqulna biex jisirqu u jħarbtu*
*Il-Waltz tat-tifkiriet ħelu w għannej.*

*Inxebbhu l-Bierah ma'.tibdil is-sura*
*Ta' sħaba mperrċa ma'.ġwinħajn ir-riħ;*
*Ma' ġmiel il-ġonna, rieqed f'ħerba siekta,*
*Li darba warrad kollu lwien sabiħ.*

*Ma' kisra ħelwa, kollha lehma, ħierġa*
*Mis-sider mimli u bnin ta' Kanarin*
*Illi tintefa' għan-nżul ix-xemx: taslilna*
*Bħal karba mdejqa ta' l-Uħux fiż-żfin.*

*U l-karru jġerri. . . ! Dħalna għal-lum mill-Bierah*
*Mill-Bieb imżewwaq kollu ljieli u jiem,*
*Fejn tfal, xjuħ, żgħażagħ igħixu lkoll imxaħxħa*
*F'ħolma ta' dawl u dlam. It-tfal bil-ħżiem*

*Ta' l-hena f'qaddhom fil-Lum biss ħajjithom;*
*L-imgħoddi f'moħħom ma jsibx dejr malajr;*
*Ma tifraħ qalbhom bid-duħħan ta' l-Għada;*
*Biss l-alla t'Issa jieħu inċens il-ħajr.*

*Ilsiera ż-żgħażagħ ġol-palazz fejn l-Hena*
*Isaltan ma' l-Imħabba kollha nar*
*Fuq tron ilellex b'deheb u b'fidda jgħajtu;*
*Ix-xewqat fiergħa f'Għada kollha mrar.*

*Ix-xjuħ, għajjiena u sfajra b'wiċċhom 'l isfel*
*Miġbud mill-kalamita tat-tebut,*
*Itektku bil-għasluġ l-aħħar minuti*
*Tal-Ħajja li qed toqrob sabiex tmut.*

*Għalija l-Lum huwa bħal ktejjeb mimli*
*Niket u ferħ imqalleb mill-bnedmin;*
*Jew qlugħ bajdani f'ġirja lejn ix-xefaq*
*Fejn sema u baħar jidbru t-tnejn mgħannqin.*

*Qegħdin fil-Lum! Deħlin ġo l-Għada! Waqqfu,*
*Ġerrejja mingħajr qalb! X'dinja ta' ċpar*
*Tostrilna l-fejn u l-meta ta' ħajjitna,*
*U 'l qalbna dgħajfa toħnoq ġo l-imrar!*

*Kif minn ġuf ommha teħles it-tarbija,*
*Hekk inti tara d-dawl minn ġuf il-Lum:*
*Nirtogħdu naħsbu fik, Qawwa ġejjiena,*
*Bħal min jixxabbat minn fuq xfar irdum.*

*Illum u Għada jgħaddu t-tnejn, jintilfu,*
*Jintfew bħal għajta mkaxkra fid-dagħbien*
*Tal-Bieraħ. U madwarhom in-Nessejja*
*Tal-mewt iż-żifna tiżfen hi u ż-Żmien.*

*Lulju, 1953.* KARMENU MALLIA

# GĦAWDEX FIL-ĠIEĦ TA' WILIEDU

*(Taħdita ta' A. Cremona, D.Litt. (Honoris Causa) li kellu jagħmel Għawdex minn fuq ir-Rediffusion fis-26 ta' Mejju, l-għada tas-Soirée d'Honneur li saritlu fil-B.I., Għawdex b'ġieħ għeluq it-tmenin sena ta' ħajja bieżla u li mħabba xi ċirkustanzi baqgħet ma saritx).*

Meta jien u xi kittieba Għawdxin oħra xi snin ilu konna mistednin mill-Professur Aquilina, Għawdxi ieħor, biex nitkellmu minn fuq ir-Rediffusion bħala Tifkira tal-Ftuħ ta' Stazzjon tar-Rediffusion f'Għawdex, jiena bħala suġġett kont għażilt *Għawdex fi Ċkuniti*, u deherli li kien suġġett li fuqu stajt nitkellem minn qiegħ qalbi, għax mindu d-destin ġagħalni, minn ċkuniti 'l hawn u 'l hinn, nitbiegħed minn dik id-daqsxejn ta' Gżira, għalkemm mhux għalkollox, jiena ħassejt li t-tifkira ta' dawk is-snin ta' torbiti — ta' hena li ma nħallathiex ma' l-aqwa pjaċiri li ħassejt band'oħra kienet għalija issarraf xi ħaġa wisq iżjed minn dawk il-ħwejjeġ li bihom edhejt bnadijiet oħra, u minnhom ġarrabt il-ħlewwa ta' din il-ħajja, b'dak li tista' toffri il bogħod minn dik id-daqsxejn ta' gżira, li l-akbar pjaċiri li tista' toffri lill-qalb huma dawk li bihom żejnitha n-natura.

Illum jien kelli okkażjoni oħra li biha għandi għalfejn inżid mat-tifkiriet għeżież ta' art twelidi u dawn huma ta' dawk il-ħbieb kompajżani tiegħi, li xi xahar ilu għoġobhom jistidnuni biex jagħtuni dak il-ġieħ u ferħ li dehrilhom joffruli għall-ħidma tiegħi fil-qasam tax-xogħolijiet letterarji tiegħi sew sew matul dawn l-aħħar 48 sena, u li fihom jiena tajt ruħi għall-koltivazzjoni tal-Lsien Malti.

Tkun ħaġa wisq xierqa u flokha, iżda, li jiena f'din l-okkażjoni nfakkar ukoll, li sabiex illum wasalt, wara tant żmien, biex inwettaq b'dan ir-risq il-ħidma tiegħi għall-ġid ta' l-Lsien Malti, jiena kelli inkoraġġiment u għajnuna ta' wieħed mill-aħjar studjużi tal-Malti, li b'xorti tajba tagħna, l-Għawdxin, għax il-biċċa l-kbira ta' ħajtu fostna l-Għawdxin u li tista' tgħid, Għawdex kien sar daru u pajjiżu. Jien irrid ingħid għall-mejjet u qatt minsi, is-Sur Ġanni Vassallo, tip ta' bniedem ġentlom, li daqs kemm kien għaref daqs hekk ieħor kien umli, bniedem li tiegħu tinsab tifkira għażiża mal-ħajt tad-dar fejn hu baqa' jgħix l-aħħar snin ta' ħajtu, tifkira imwaqqfa mill-ammiraturi Għawdxin li għalih bil-ħaqq kollu kellhom l-akbar qima.

F'din l-okkażjoni, li għalija hija waħda mill-paġni għeżież ta' ħajti, jiena kelli x-xorti niltaqa' ma' nies Għawdxin bħali, imma mhux ta' żmien ċkuniti, nies, imma, li jafuni u li saru ħbieb għeżież tiegħi daqs dawk ta' tfuliti, għax xi wħud minnhom ħadmu miegħi fil-qasam tal-koltivazzjoni u progress tal-Lsien Malti; oħrajn li saru jafuni b'riħet l-istudju tal-Malti — nies li fi ċkuniti kienu għadhom ma dehrux fix-xena ta' din il-ħajja, iżda

imbagħad quddiem għajnejja dehru f'daqqa waħda mħaddnin miegħi b'dak il-ħsieb li l-qalb u l-moħħ tal-bniedem igħaqqad bniedem ma' ieħor bl-akbar ħbiberija f'dak ix-xogħol li jagħmel ġieh lilhom u lil art twelidhom; l-iktar imbagħad meta nies bħal dawn huma ta' l-istess pajjiż, ngħidu aħna Għawdxin bħali.

Jiena f'dawn in-nies ma narax dawk sħabi li l-lum il-biċċa l-kbira ma baqax ħlief l-għażiża tifkira tagħhom, dawn in-nies illum mhumiex dawk il-ħbieb li magħhom kont nilgħab, ngħaddi l-ġranet magħhom fis-sajf fuq ix-xtut ta' Marsalforn, ninżel magħhom il-Lunzjata naqbad iż-żrinġijiet, nitla' fuq il-għolja ta' Gelmus niġbor it-tafal u l-ġebel għall-presepju, nispara l-maskli fuq il-bjut fil-festi, niskarta mill-iskola; mhumiex dawk il-ħbieb li magħhom doqt l-hena ta' tfuliti, imma ħbieb u sħab li magħhom jiena marbut b'dak l-ideal li jgħollina 'l fuq minn din il-ħajja ta' idejiet materjalistiċi, u mliena bl-isbaħ ispirazzjonijiet għall-progress ta' lsienna u ta' riżq għal pajjiżna. Fost dawn iż-żgħażagħ u rġiel li l-lum huma sħabi tal-kitba Maltija, ngħodd ukoll oħrajn iċken minni li qed jagħmlu ġieh lil pajjiżna bil-karriera sabiħa li għandhom jew li għamlu u li l-lum fil-ħajja soċjali tagħhom qegħdin igħollu l-isem u l-importanza ta' Għawdex bl-ispirtu patrijottiku tagħhom, li jixbah lil dak ta' missirijietna ta' żmien, saħansitra, ir-Rumani meta Għawdex kien Muniċipju għalih.

Dawn il-ħbieb kompajżani tiegħi li xahar ilu ferħuli f'għeluq snieni, kif ukoll għax-xogħol li s'issa s-Sema tagħni x-xorti li nagħmel għall-ġid u progress ta' lsien pajjiżi, jien ħadtilhom b'idejhom u fraħt bihom għax-xogħol li ħadmu għall-istess ideal tiegħi. Dawk iż-żgħażagħ li għad għandhom quddiemhom triqat u għoljiet li minnhom għad iridu jgħaddu, jien nixtiqilhom ħajja twila u risq fl-ideal sabiħ tagħhom. Il-lum dawn jistgħu jgħidu li huma jirrappreżentaw dawk ix-xtieli li kien żara' mitejn sena u fuqhom il-pijonier tal-Kitba Maltija, Agius De Soldanis, li, qabel il-magħruf lessikografu u grammatiku Vassalli, ħadem l-ewwel vokabularju Malti, li għadu manuskritt, xi proverbi Maltin, u xi kotba żgħar ta' grammatika Maltija. F'dawn iż-żgħażagħ jiena nara, għalhekk, l-isbaħ mera ta' dik il-ħeġġa u ħidma ta' De Soldanis u ta' xi oħrajn ta' qabel dawn iż-żgħażagħ kittieba Għawdxin li bil-kitba tagħhom kienu minn ta' l-ewwel fost l-Għawdxin li bdew igħammru u jżejnu l-letteratura Maltija, bħalma, huma l-Mons Dun Alwiġ Vella bir-rakkonti storiċi tiegħu, u l-Mons. Dun Ġużepp Farrugia, li għadu mimli bil-għomor u li l-pinna tiegħu, għall-proża u versi Maltin għadha ħajja. Il-għadd ta' dawn il-poeti żgħażagħ, li fosthom Għawdex għandu l-unur li jgħodd ukoll poetessa li l-versi tagħha żejnu, ma' dawk ta' oħrajn, l-antoloġija tal-Musa Maltija, jidher biżżejjed kbir fost dawk ta' oħrajn li b'isimhom Malta għandha biex tiftaħar. Il-għadd tagħhom, narġa' ngħid, għaċ-ċokon tal-gżira tagħna, huwa biż-żejjed kbir, iżda barra milli huwa kbir fin-numru, daqshekk ieħor ta' valur speċjali fil-

prosodija Maltija.

Lill-pajjiżani Għawdxin oħra li isimhom hu magħruf biżżejjed fil-karriera soċjali tagħhom nixtiqilhom riżq u progress fil-ħidma tagħhom għall-ġid u ġieh tal-Gżira t'Għawdex. Għalkemm xi ħadd jew xi wħud minnhom illum jinsabu fil-mistrieħ, wara żmien twil ta' ħidma professjonali, huma ma stmerrewx imiddu għonqhom għal xogħol patrijottiku bl-akbar sa rifiċċju ta' saħħithom u interessi privati; lil dawn ukoll, narġa' ngħid nixtiqilhom ir-riżq fix-xogħol amministrativ u professjonali tagħhom. Xogħolhom għandu jibqa' jissemma, u isimhom ikun maħżuż b'ittri tad-deheb fl-Istorja ta' Għawdex, bħalma hu u jibqa' l-isem ta' nies kbar Għawdxin, jew ta' demm Għawdxi, bħal tal-pitturi Mikiel Busuttil, midfun Għawdex, ta' ibnu Salvu, li miet Ruma, u ta' ħuh Klement, ta' Sir Pietru Pawl Pace, Isqof ta' Għawdex, u wara Arċisqof ta' Malta, ta' Sir Mikel'Anġ Refalo, ta' Sir Arturo Mercieca, li għadu mimli bil-għomor, u ta' oħrajn li għamlu ġieh lil art twelidhom għall-ħidma tagħhom ta' moħħ u xogħol ieħor patrijottiku, fosthom ta' min isemmi lil Monsinjur Dun Ġużepp Farrugia, li kien Segretarju ta' l-Isqof, bniedem imsemmi sal-lum għall-għerf tiegħu, kif ukoll ma' dan nistgħu nsemmu lill-latinisti Għawdxin, Dun Lawrenz Cutajar u dan l-aħħar il-Monsinjur Dun Salv Attard, tliet saċerdoti Għawdxin li kienu iż-żina tad-Dijoċesi ta' Għawdex.

Fost oħrajn Għawdxin studjużi u kittieba tal-Malti ta' żmienna, u li kieku ma mietx hekk ħesrem konna naraw xogħlijiet tiegħu li kienu jisswew mhux ftit għall-istudju tal-Malti, nista' nsemmi l-ħabib tiegħi tal-qalb, l-avukat Ġużè Micallef, Għawdxi bħalna, u li wara mewtu ħalla, għalkemm fi tfulitu, lil ibnu, li fl-istudji filoloġiċi tiegħu kompla x-xogħol ta' missieru b'dik il-ħeġġa u ħidma li s'issa taw l-isbaħ frott. Ma' dawk fost l-Għawdxin li għamlu isem, u jkomplu jagħmlu isem, ma rridx inħalli barra lir-rumanzier Laurent Ropa, wild Għawdex, li bir-rumanzi u versi tiegħu bil-Franċiż żejjen isem art twelidu fost l-akkademiċi ta' Franza; flaħħarnett ma rridx ninsa lil ħabibi, il-Professur Ġużè Aquilina, Professur tal-Letteratura Maltija u tal-Lingwistika, li barra milli għamel ġieh lilu nnifsu bix-xogħol li s'issa tana fl-istudji filoloġiċi tiegħu, għaraf iqiegħed u jirfed il-Malti fuq pedestall li qajla jista' jiġġarraf minn fuqu. Iżda l-aqwa mertu tiegħu huwa dak li bil-ħidma propagandistika tiegħu, għaqqad l-isbaħ Armata ta' żgħażagħ kittieba, fosthom Għawdxin, li b'xogħolhom illum qed iżejnu l-Letteratura Maltija.

Jalla l-moħħ Għawdxi jibqa' jaħdem għall-ġieh tal-Gżira u għall-progress ta' lsienna bħalma s'issa wera u qed juri fix-xogħlijiet sbieħ tiegħu; jalla, bħalma naraw fl-isvilupp kummerċjali, amministrattiv, soċjali u ekonomiku ta' Għawdex, dan il-moħħ Għawdxi jibqa' miexi bil-qlugħ miftuħin u b'riħ ta' risq lejn ix-xefaq sabiħ tad-destin tiegħu biex dejjem inkunu nistgħu ngħidu – '*Aħna Għawdxin u kull wieħed minna għandu għalfejn jiftaħar li hu Għawdxi*'.

# PATRI MANWEL MAGRI
## 1851-1907

Ta' Ġ. Bezzina

Min kien Patri Manwel Magri? Din is-silta minn gazzetta ta' żmienu turina kemm dan il-Malti kien bniedem kbir, magħruf u maħbub minn kullħadd.

"The telegraphic announcement of Father E. Magri's death, which was speedily communicated to us, and through us given to the Public, produced a feeling of painful surprise in all the inhabitants of Malta." Dil-kitba maqluba għall-Malti tfisser: l-aħħar tal-mewt ta' Patri Magri imwassla f'malajr lilna bit-Telegraf u li aħna xandarna, ħasdet u mliet bin-niket lin-nies kollha ta' Malta.[1]

Tassew ried ikun bniedem li għamel il-ġid lil art twelidu u lil għajru biex il-gazzetti jħabbru l-mewt tiegħu b'mod partikulari. Ġurnal ieħor kiteb hekk: 'Father Magri was of those men whom their country can ill spare. He is mourned universally and deeply.'

Patri Magri twieled il-Belt Valletta fl-24 ta' Frar, 1851. Trawwam fittagħlim fl-iskola elementari u fil-Liċeo ta' l-istess Belt. Imħarreġ tajjeb f'dawn iż-żewġ skejjel, għadda għall-Università bit-tir li jistudja l-liġi u jilħaq avukat, meta għal għarrieda u mingħajr ħadd ma kien jissoponi fissena 1871 tħajjar isir reliġjuż. Ta' 20 sena daħal Ġeżwita.[2] Is-Sur Fons Marija Galea, ħabib tal-qalb ta' Patri Magri, kiteb hekk dwar il-ħajja tiegħu fil-kunvent: 'Fl-aħjar tiegħu, fuq ruħhu għall-aħħar, telaq id-dinja biex miġbur f'kunvent jagħmel il-ġid fid-dinja. Hutu l-Ġeżwiti jistgħu jixhdulna fuq il-ħajja tiegħu ta' qaddis, dejjem ħabrieki għall-ġid tal-erwieħ, bla ma qatt fittex lilu nnifsu, moħħu dejjem biex kieku lil Malta jġibha dejjem 'il quddiem.[3] Billi kien magħruf għall-għerf tiegħu huwa kien magħżul biex ikompli n-novizzjat tiegħu fl-Irlanda. Wara li temm b'suċċess in-novizzjat tiegħu f'Malta għamel kors tal-letteratura Latina u Taljana. Wara mill-ġdid reġa' kien ġie maħtur biex jintbagħat l-Ingilterra, Franza u Spanja fejn wettaq studju kbir ta' xjenzi, Filosofija u Teoloġija. Għaġeb ta' għerf kien maħtur mis-Superjuri tiegħu Professur tat-Teoloġija u għallem f'Għawdex, f'Malta, f'Kostantinopoli u f'Ruma. Żar ukoll il-Palestina u Ġerusalem. P. Magri rebaħ ħafna premjijiet kemm fil-Matrikola kif ukoll fl-eżami ta' Oxford, u għax kien daqshekk għaref huwa ġie maħtur eżaminatur tal-Università Irjali tagħna.

[1] *Daily Malta Chronicle* April 1907.
[2] *Daily Malta Chronicle* April 1907.
[3] *Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien*, Nru. 63.

Fl-1902 kien jinsab imsiefer, iżda fl-istess sena fit-28 ta' Settembru għażluh, għax tassew kien jistħoqqlu, bħala Rettur tas-Seminarju ta' Għawdex minflok Patri Grech. Il-għażla ma setgħetx tkun aħjar għaliex Patri Manwel kien magħruf bħala wieħed mill-aqwa membri kemm għall-għerf kif ukoll għall-prudenza li qatt twieldu f'Malta. Bħala rettur kellu bosta okkażżjonijiet jagħmel ġid kbir lil Għawdex. Taħt il-ħarsien tiegħu, is-Seminarju tal-Ġiżwiti f'Għawdex xerred il-fama tiegħu barra, u bosta kienu l-istudenti barranin li bdew l-istudji tagħhom fih.

Bħala ħbieb tiegħu Patri Magri kellu lin-nies kbar kollha ta' Malta ta' dik il-ħabta fosthom Lord Grenfell u l-Eċċellenza tiegħu il-Gvernatur. Iżda l-akbar ħbieb tiegħu kienu l-kotba u l-poplu baxx taż-żewġ gżejjer li minn għandhom kien jiġbor l-Għerf bla miktub ta' Malta.

Fl-1906 Patri Magri ħalla r-Rettorat tas-Seminarju ta' Għawdex u s-Superjuri tiegħu bagħtuh bħala rettur fil-belt ta' Messina u minn hemm fil-bidu tar-Randan tal-1907 telaq għall-Afrika ta' Fuq biex jagħmel il-missjonijiet lill-Maltin imxerrda fi bliet diversi. Misjur bix-xogħol ma felaħx iżjed u nhar Ħamis ix-Xirka x'ħin kien sejjer iqaddes tagħtu għaxwa. Wara li irċieva l-vjatku fid-dar tan-neputija tiegħu stejqer xi ftit u ried jerġa' jmur iqarar, iżda ma dwar nofs il-lejl tal-Ġimgħa l-Kbira nhar id-29 ta' Marzu 1907 irċieva l-griżma u miet wara ftit.[4]

Dak inhar stess l-Eċċellenza tiegħu l-Arċisqof ta' Tunes, Monsinjur Combes, ġie mgħarraf b'telegramma lilu mibgħuta mill-Kurat ta' Sfaks l-Abbé Franswà Giudicelli bil-mewt ta' Patri Magri. Il-kolonja Anglo-Maltija ta' dik il-belt għal kbira simpatija li ħadet miegħu billi kien qed jagħmlilha il-konferenzi tar-Randan fil-Kattidral ta' hemm għoġobha tagħmillu funeral tassew kbir, bħala ħlas tal-ħidma tiegħu. Minbarra l-Abbé Giudicelli u l-Kappillani tal-irħula flimkien mal-kleru ħadu sehem fil-funeral il-konslijiet u r-appreżentanti tal-kolonji l-oħra u l-popolazzjoni Ewropea, Misilma u Lhudija. Il-Maltin, it-Taljani u l-Franċiżi marru bi ħġarhom warajh saċ-ċimiterju.[5]

Iżda Patri Magri ma kienx bniedem li jgħib hekk ħesrem minn wiċċ id-dinja. Ġismu ġie ibbalzmat u għeluq ix-xahar fit-30 ta' April fil-Kattidral ta' Sfaks saritlu quddiesa solenni u wara l-Libera l-viċi Parroku Patiniott żar iċ-ċimiterju u bierek il-fdal ta' dan il-patrijott Malti u fost ġemgħa kbira ta' nies, fosthom xi wħud minn niesu, ġie midfun hemmhekk.[6]

Patri Manwel Magri għab minn wiċċ id-dinja, ġismu ħalliena, iżda hu mhuwiex mejjet għalina, għax warajh ħallielna bosta tifkiriet ta' għerfu, u meta naqraw xi kitba jew nisimgħu xi taħdita folkloristika nemmnu li l-ispirtu ta' Patri Magri għadu jiġri fostna jħeġġeġ lilna ta' warajh biex nim-

[4] *Devot ta' Marija*, Mejju 1907.
[5] *Malta Tagħna*, April 1907.
[6] *Malta Tagħna*, April 1907.

xu wara l-passi tiegħu u nieħdu ħsieb inrawwmu is-sigra li huwa xettel u b'hekk nigbru bosta tagħrif dwar Malta u n-nies tagħha.

'Il-ħajja ta' bniedem hija qasira,' qal darba Patri Magri 'u dak li huwa jista' jitgħallem ma tulha kien ikun wisq ftit li kieku, biex ngħidu hekk, dan ma setax jiret dak li ħaddieħor għaraf u sab qablu. Dan il-wirt jingabar f'kotba.' Patri Magri għaraf dan kellu u għax kien iħobb lil Malta u lil għajru gabar dan il-għerf bla miktub u stampaħ f'kotba. Kif qal hu stess 'Hemm min iżommok is-sigħat b'ħalqek miftuħ tisimgħu jtenni dan il-għerf li biż-żmien kien qed jintilef.' Dak li qal hu ngħiduh aħna għalih. Jekk taqbad ktieb ta' Patri Magri kien liema kien għandek tibdieh u tispiċċah f'nifs wieħed u wara terga' taqrah biex ittiegħem il-benna u tixtarr il-ħlewwa tiegħu.

Patri Magri gabar l-intietef li jgħid il-poplu, dammhom flimkien bħal kieku gawhar f'ħannieqa u ħallihomna warajh biex nitpaxxew bil-gmiel tagħhom. Għall-kitba sabiħa u meqjusa ta' Patri Magri il-Professur Saydon kiteb hekk:

Xejra oħra ħadet il-kitba f'idejn Patri Manwel Magri gezwita, imdaħħal il-gewwa bħal Bellanti u Tagliaferro fit-tagħrif ta' Malta qadima, kittieb ħlejju tal-għerf bla miktub tal-Maltin. Min ma jafhomx il-ħrejjef li b'dehen u b'sabar kbir gema' minn fomm ix-xjuħ, qabbilhom bejniethom, xebbahhom mal-ħrejjef qodma ta' gnus oħra biex jagħsar minnhom it-twemmin, id-drawwiet, il-fehmiet ta' missierijietna? Qrajniehom meta konna żgħar, emminniehom u stagħgibna. Imma l-lum li kbirna, aktar mill-grajja tagħhom għaggieba tgħaxxaqna l-libsa li biha huma miksijin. Fl-ebda kitba oħra ma ntiegħmu dik il-benna li ntiegħmu fil-ħrejjef ta' Magri. Ħaddieħor imdorri b'kitba aktar misluta fil-qagħda tagħha, aktar imżewqa fit-taqsim u fit-tirkib tagħha, aktar imleħħna fid-daqqa tal-kliem, għandu mnejn jitmeżmeż mill-kitba ta' Magri, li l-irbit sfiq tal-kliem jagħtiha bixra waħda u daqqa waħda. Iżda dan hu stil tal-ħrejjef għeri minn kull żina, imma qawwi u sabiħ. Aqra f'ilsienha ħrafa Għarbija, aqra f'ilsienha grajja mill-kotba Mqaddsa u inti tħoss tidwi fihom il-ħrafa Maltija. Dan hu l-ogħla tifħir tal-kitba ta' Magri, li għaraf iżomm sħiħa u safja s-sura ewlenija tal-ħrafa Maltija kif ħarget minn fomm missierijietna.'

U aħna ma' dan it-tifħir għall-kitba ta' Magri ngħidu biss dan: Qatt ħadd qablu, qatt ħadd warajh għad ma rnexxielu jtertaq il-qoxra tal-Malti u hekk meħlus minn kull xkiel barrani, jikteb bl-istess xeħta li kienu jitkellmu missierijietna.

'Illum' kiteb darba Patri Magri, 'l-għorrief tad-dinja jfittxu bi kbira ħeġġa l-ħrejjef u taqbil li jgħid il-poplu għax minnhom tista' tagħsar bosta ħwejjeg fuq żmenijiet imgħoddija'. Dan kien il-għan ta' Patri Magri, li minn għidut il-poplu tagħna jigbor l-għerf bla miktub, ifisser, jagħtih il-ħajja u f'kelma waħda jsawwru fi grajja.

Lil Patri Magri ma nsejħulux il-bennej tal-folklore Malti iżda n-naġġar, għaliex bil-ħidma tiegħu il-ġabra tal-għerf bla miktub bdiet tieħu s-sura u l-għamla tagħha. Kien hu li qanqal mill-barriera l-imgħallem mill-imgħallmin il-qnaten sa żmien mistura, ġarrhom, naġarhom, naqqaxhom u sawwarhom f'pedestall setgħani lest sabiex dawk ta' warajh, fuq dan il-pedistall jerfgħu u jqiegħdu f'post xieraq il-folklore Malti u dan il-pedistall ma twarrabx għaliex f'dan iż-żmien, bil-ħila ta' strumenti moderni, il-poplu sar jaf b'dan il-pedistall u sar jaf ukoll li xi wħud b'sagrifiċċju kbir tagħhom qegħdin ilestu l-istatwa għal fuq dan il-pedistall tal-folklore.

Il-kitba ta' Patri Manwel Magri nsibuha stampata fis-sensiela ta' kotba tal-Mogħdija taż-Żmien li kienu joħorġu ħamsin sena ilu, x'aktarx taqsima wara kull ktieb. Fl-1902 ħareġ żewġ kotba ta' *Ħrejjef Missierijietna*, fl-1900 *X'Igħid il-Malti*, fl-1904 *Missierijietna u L-Ġganti*, fl-1905 *Id-Dinja ta' Taħt.*

Min ma qarax dawn il-kotba ta' Patri Magri għandu jagħmel ħiltu biex jaqrahom għax, kif qal huwa stess f'daħla ta' ktieb minnhom:

> Jekk ma tafx ħrafet pajjiżek,
> ħrafet min taf, ħrafet qaddisek?

Kemm Patri Magri kien iħobb "il-Malta u l-Malti nisiltuh minn dan il-kliem tiegħu stess: Jixraq li (dawn il-ħrejjef) jidhru għall-ewwel darba bil-Malti, l-ewwelnett għax Maltin, it-tieni għax meta ġġibhom b'ilsien ieħor jitilfu wisq mill-ħlewwa u l-benna tagħhom, it-tielet f'imħabba dawk li jħobbu jaqraw bil-lsien tagħna. Kull min itiegħem jew ikassat l-Ilsien tagħna,' qal darb'oħra Patri Magri 'jibqa' mistagħġeb bil-għerf u l-ġmiel tal-kliem li għandna.'

U li kieku il-mewt ma laħqitx ħasditu kellu bosta xogħolijiet oħra x'jagħtina, fosthom *Aħlef li tgħid is-Sewwa, Ħrejjef Missierijietna, Għerf bla miktub tal-Maltin, Ġrajja ta' Malta, Tifsir fuq il-Għanja tal-Għarusa tal-Mosta u X'qalgħet Bibja Perpetwa qabel Mewtha.*

Iżda lil Patri Magri mhux il-folklore biss jagħmlu bniedem kbir, iżda anke l-Arkeoloġija. Kien huwa l-ewwel fost il-Maltin li beda jiġbor il-biċċiet tal-fuħħar imħallta mal-ħamrija fl-inħawi tat-tempji tagħna ta' Żmien il-Ħaġar u jikklassifikahom skond id-disinji minquxa fuqhom u wara li kien igħarbel dawn id-disinji kien igħarraf li t-tali post kien mgħammar fit-tali żmenijiet.

## LIL WAĦDA LI GĦANDHA SNIENHA MHUX SBIEĦ KIF JAF JAGĦMILHOM ID-DENTIST WARA LI JAQLA' L-KOROH

*Għal snienek, min iħobbok,*
*mhux sejjer iħallik,*
*b'dawn l-irqaqat ta' kruħa*
*il-mera biss tinkik.*

*Min ma jħobbokx, 'k iħares,*
*nofs ħarsa biss jagħtik:*
*għajnejn jilmaw bl-imħabba*
*ħlief ġmiel ma jarawx fik.*

*Għalhekk, ħanina tiegħi,*
*fuq krub u ġmiel taħsibx,*
*ftakar li l-mera tqarraq*
*avolja ma tigdibx.*

MARĊELL MIZZI

## GĦAWDEX

*Kull meta niġi nżurek, gżira tiegħi,*
*nistħajlek bħal dik l-omm li ġewwa ħdanha*
*tilqa' lil binha msiefer, u, ferħana,*
*toqgħod f'rokna tad-dar titkellem miegħi.*

*Tfakkarna fil-widien u fuq it-tliegħi*
*ħodor tal-għoljiet tiegħek fejn il-għana*
*tal-għelejjel tal-art tagħmlek sultana*
*b'rasek imżejna b'tal-frott l-isbaħ friegħi.*

*Tfakkarni fil-Kastell, il-Belt Qadima,*
*bl-irdum ta' nies qalbiena, u fi tfuliti,*
*għall-Madonna ta' Pinu fl-ewwel qima;*

*Fid-dwejra fuq il-blat ta' xatt il-baħar*
*ta' ċkuniti fis-sajf, u, fi xjuħiti,*
*f'Għawdex li qalbi l-lum bih biss tiftaħar.*

A. CREMONA

EST. 1900

Phone C. 24193
CABLE "FLORIDIA MALTA"

# FOR BOOKS

**Pass your orders to:-**

## J. Floridia & Sons

**WHOLESALE BOOKSELLERS & DISTRIBUTORS**

**51, ST. JOHN STREET, VALLETTA**

Suppliers to H.M. Ships, Libraries, Bookstalls and Messes.

# the ONLY typewriter you can trust



# ALPINA

— *Moderate Prices* —

*Sole Agents:*

**GIOV. MUSCAT & CO. LTD.**

**48, Merchants Street, Valletta.**



**Phone: 25729**

All Kinds of Books, Typewriters,

Adding Machines and Office Requisites

***obtainable from:***

# A.C. AQUILINA & CO.

58d, Kingsway - Valletta

Tel. C. 24774

# ANT. FILLETTI & SONS

Electrical and Plumbing Contractors

64, Kingsway - Valletta

Tel. C. 24341

All Kinds of Chandeliers, Lamps,

Fans, Heaters and Bathroom Fittings